MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Avviz Numru. 221/2012

**Saviour Soler**

**vs**

**Perit Reuben Paul Borg**

**Il-Qorti,**

Rat illi ir-rikors pprezentat mill-attur nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Gunju, 2012, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta’ sebat elef, mitejn, hamsa u tletin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€7,235.62) jew kwalunkwe ammont verjuri iehor li jista’ jigi likwidat minn dina l-Onorabbli Qorti, bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ta’ kostruzzjoni li twettaq mill-mittenti fuq inkariku tieghu fil-fond numru tlettax (13), Triq il-Kappillan Guzeppi Hili, Fontana.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 187/2011 tas-16 ta' Settembru 2011 kif ukoll bl-imghax skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-konvenut Perit Reuben Paul Borg li giet prezentata fid-19 ta' Lulju 2012 fejn eccepixxa:

1. *"Illi ebda ammont ma hu dovut lir-rikorrenti billi:*
    a. *Fil-komputazzjoni tal-kont tar-rikorrenti, huwa qed jitlob rati ghola minn dawn ikkwotati mill-istess rikorrenti qabel ma nbeda x-xoghol u hemm zbalji fil-kejl – b'hekk il-kont tar-rikorrenti ghandu jigi ridott bl-ammont ta' €3228.34;*
    b. *Il-kont tar-rikorrenti jinkludi talba tal-hlas ghal xoghol li sar hazin u mhux skont is-sengha u l-arti; l-esponenti kellu iqabbad kuntrattur iehor biex jikkompleta x-xogholijiet li ma gewx ikkompletati sal-ahhar (snags) mir-rikorrenti jew li kellhom jigu rimedjati – dawn jammontaw ghall-€1980;*
    c. *L-esponenti huwa kreditur tar-rikorrenti fis-somma ta' €1764.73 (inkluz VAT) bhala drittijiet professjonali fuq binjiet f'Paola, Msida, Birkirkara, Naxxar, San Gwann u Msida – u ghalhekk ghandha ssir tpacija ta' dan l-ammont;*
    d. *Illi saret hsara lill-binja adjacenti minhabba traskuragni da parti tar-rikorrenti, liema hsarat ir-rikorrenti kien obbliga ruhu li jirripara – izda dan ma ghamlux u l-esponenti kellu iqabbad kuntrattur iehor biex jaghmel dawn ir-riparazzjonijiet ammontanti ghall-€762.*
2. *Minghajr pregudizzju ghall-premess, wiehed ma jistghax jaghmel konteggi precizi mar-rikorrenti billi minn talba ghall-ohra, jkun hemm varjazzjoni fit-talba. Infatti fl-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru, 2011, ir-rikorrenti talab is-somma bilancjali ta' €12,596.90 u minn dak inhar sallum, l-esponenti hallas is-somma ta' €4,862.55 – li skont hu hija l-bilanc verament dovut lir-rikorrent – izda l-bilanc mitlub fl-avviz promotur ma jaqbilx ma' dawn il-figuri."*

Rat il-verbal tas-26 ta' Settembru, 2012 fejn stante n-natura teknika tal-kaz u n-natura tal-eccezzjonijiet, il-Qorti nnominat Perit Tekniku u cioe' lill-Perit Valerio Schembri sabiex jisma' l-provi imresqa mill-partijiet u jhejji r-rapport tieghu.

Il-Perit Tekniku **Valerio Schembri** xehed fil-15 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjara li huwa kien gie nominat minn din il-Qorti b'digriet taghha tas-26 ta' Settembru 2012 sabiex jikkonkludi dwar il-konstatazzjonijiet teknici. Huwa esebixxa r-relazzjoni tieghu nhar id-9 ta' Lulju 2015 li giet immarkata bhala Dokument VS.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri fejn wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

1. *"Illi t-talba tar-rikorrenti hija ghall-hlas tal-bilanc ta' €7,235.62 jew kwalunkwe ammont verjuri iehor li jista' jigi llikwidat mill-Onorabbli Qorti. Jinghad illi fit-tielet paragrafu tal-hames pagna ta' l-affidavit tar-rikorrent esebit u mahluf Dok SS200101 l-istess Salvu Soler jghid li kien fadal bilanc dovut a favur tieghu fis-somma ta' €8,539.60 flimkien mal-imghax. Dwar l-ammonti li thallsu akkont tax-xoghol jinghad illi l-istess Salvu Soler jikkonferma li kien ircieva s-somma ta' €13,862.55 liema figura jidher li hija l-istess wahda li tirrizulta mill-elenku a fol 8 ta' l-affidavit tal-intimat esebit RPB 260201. Isegwi ghaldaqstant illi dwar it-total tal-pagamenti li saru akkont il-partijiet qed jaqblu. Li ma hemmx qbil huwa dwar il-bilanc dovut u dan kif ser jigi trattat aktar il-quddiem f'din ir-Relazzjoni.*

   *B'kull dovut rispett madanakollu l-esponent umilment ihoss li ghandu jirrimarka illi ma jhossx li hemm spjegazzjoni in atti da parti tar-rikorrent kif il-pretensjoni tieghu fl-affidavit minnu mahluf hija addirittura €1,303.98 izjed mit-talba tieghu stess u dan aktar u aktar meta l-figuri li jghid li nesa jinkludi originarjament (meta wiehed jezamina l-ahhar paragrafu u l-ewwel zewg paragrafi ta' pagni erba' u hamsa rispettivament ta' Dok. SS 200201) jasal ghal figura ta' €805.25. Dan ghaliex bir-rispett anke l-figura ta' € 233*

*li Soler jghid li nesa jnizzel l-intimat tirrizulta car u manifest a fol 33 tal-affidavit tal-Perit Ruben Borg. Jekk wiehed jezamina Dok W anness ma l-affidavit u anke l-affidavit stess jirrizultalu li r-rikorrent qed jippretendi li jithallas sahansitra tad-diesel, stima ta' xoghol li ma ghandux x'jaqsam mal-mertu odjern u drittijiet li hallas lil min kejjel ix-xoghol ghan-nom tieghu. In oltre jekk wiehed jezamina tajjeb l-atti jirrizultalu illi l-kont mahrug minn Dennis Sant ghan-nom tar-rikorrent iwassal ghal € 21,363.89 (€17168.09 bhala xoghol imkejjel u €4195.80 bhala extra works). Fid-dawl li hemm qbil li l-pagamenti akkont kienu jammontaw ghal €13,862.55 wiehed jasal ghal bilanc allegatament dovut ta' €7,501.34 li huwa vicin hafna s-somma msemmija fit-talba u cioe € 7,235.62.*

2. *Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Perit Ruben Borg jinghad illi l-istess intimat jghid li dak pretiz mir-rikorrent ghandu jigi ridott bl-ammont ta' €3,228.34. Jekk wiehed jezamina l-atti jirrizultalu illi fuq l-extra works il-partijiet qed jaqblu u dan fil-valur ta' €4,195.80 (Salv ghal pretensjoni tar-rikorrent elenkata fis-suespost li titfacca biss fl-affidavit tieghu). Mill-kont mahrug minn Dennis Sant ghan-nom tar-rikorrent esebit a fol 14 sa 19 ta' l-affidavit tal-Perit Ruben Paul Borg jirrizulta car u manifest illi l-pretensjoni tar-rikorrenti ghax-xoghol li sar hija fil-valur ta' € 17,168.09 meta wiehed izid il-VAT mal-ammont elenkat. Minn naha tieghu l-intimat jasal ghal figura ta' €14,172.75 hekk kif jirrizulta minn fol 22 sa 32 tal-affidavit tal-Perit Ruben Paul Borg. Jsegwi se mai illi d-differenza li kellha tigi elenkata f'din l-eccezzjoni kellha tkun fil-valur ta' € 2,995.34 inkluz il-VAT.*

   *Id-diskrepanza bejn il-partijiet f'din il-parti tal-vertenza tirrizulta minn divergenza fil-kejl u fir-rati uzati minn Dennis Sant ghan-nom tar-rikorrent u mill-intimat innifsu l-Perit Ruben Paul Borg.*

   *Dwar ir-rati jinghad illi l-intimat il-Perit Ruben Paul Borg jghid li r-rati li kellhom jintuzaw huma dawk elenkati a fol 7 u 8 ta' l-affidavit tieghu. Minn*

*naha tieghu ir-rikorrent Salvu Soler jghid li r-rati kellhom jigu bbazati fuq Dok A esebit mal-affidavit tieghu u cioe' email li Soler jghid li baghat lill-intimat fid-19 ta' Dicembru 2008. Minn Dok. RPB 250601 esebit mill-intimat jirrizulta li x-xoghol mertu tal-vertenza beda ghall-habta ta' Ottubru 2008. Ergo jsegwi li l-email li Soler jghid li baghat lill-intimat kienet circa xahrejn wara li nbeda x-xoghol fuq il-lant mertu tal-kawza. Fid-dawl tal-fatt li ma jidher li hemm l-ebda firem sabiex jigi kkonfermat qbil fuq ir-rati ta' l-appalt l-esponent ihoss li ma ghandux il-kompetenza jiddeciedi liema rati jorbtu lill-partijiet legalment bejniethom. Jinghad biss li r-rati pprezentati f'Dok A mir-rikorrent bhala deskrizzjoni jirrispekkjaw izjed ix-xoghol in dizamina minn dawk esebiti mill-intimat li hija lista ta' rati li aktar tapplika ghal xoghol ta' bini gdid u mhux alterazzjonijiet f'house of character bhal dawk mertu tal-kawza. Pero' jibqa l-fatt ukoll li r-rati ta' Dennis Sant u dan ghan-nom tar-rikorrent Salvu Soler huma irhas minn dawk f'Dok A esebit mill-istess rikorrent.*

*Dwar il-kejl jinghad illi bejn il-partijiet hemm diskrepanzi minimi fil-maggor parti tal-kazi u f'xi istanzi isolati hemm diskrepanzi li ghalkemm mhux enormi jaghmlu effett fil-kont finali. L-esponent f'dan il-kaz prova kemm jista' jkun jimxi fuq principju ta' "best of judgement" mill-pjanti esebiti u l-atti. Kien hemm kazi fejn l-esponent hass li r-rikorrent ma tax prova teknika sufficjenti ta' dak li allega u ghalhekk mexa fuq il-kejl tal-intimat.*

*Fic-cirkostanzi l-esponent jaghzel li jaghmel analizi hu tax-xoghol li sar u johrog stima tal-valur tieghu hekk kif jidher fuq Dok VS 0101. Minn hawn l-esponent jasal jiddeciedi illi l-valur tax-xoghol li ghamel r-rikorrent Salvu Soler fil-fond ta' l-intimat Perit Ruben Borg kellu l-valur ta' circa €15,470.17 inkluz il-VAT.*

3. *Dwar it-tieni eccezzjoni tal-intimat Perit Ruben Paul Borg l-esponent jaghmel referenza ghall-provi in atti senjament ghal dak li jixhdu l-partijiet u*

*anke l-Perit Stellini prodott ex-parte mill-intimat u l-konstatazzjonijiet li saru in situ. Jidher illi l-figura elenkata mill-intimat bhala l-ammont li jenhtieg jintefaq sabiex jitranga x-xoghol hija bbazata fuq Dok JM 200214 u cioe fattura datata 7 ta' Mejju 2012 mahruga minn Joseph Mercieca. Bir-rispett wiehed kien jistenna illi sabiex tali invoice tkun ta' valur adegwat ta' prova teknika tax-xoghol li sar ikun elenkat bicca bicca l-istess xoghol; kif del resto jidher anke mid-depozizzjonijiet tal-intimat stess u l-AIC Joseph Stellini mressaq ex parti minnu u mhux sempliciment "xoghol ta' tiswija fil-post numru 23, Triq il-Kappillan Hili, Fontana."*

*Fic-cirkostanzi l-esponent hass li kellu jirredigi Dok VS 0102 li huwa stima dettaljata ta' kemm jidhirlu li tiswa biex tissewwa l-hsara u dan dejjem fejn l-esponent hass illi l-lanjanza tkun gustifikata. Fejn ma hassx li kien hemm gustifikazzjoni ghal talba ta' hlas l-esponent jaghmel ir-rimarki tieghu fuq l-istess dokument anness. Mill-istess stima l-esponent jasal ghall-valur ta' circa € 2,150.00 ergo dak li jghid li nefaq l-intimat fis-somma ta' €1,980.00 jidher illi huwa gustifikat.*

4. *Dwar it-tielet eccezzjoni tal-intimat elenkata 1(c) fir-risposta tal-Perit Ruben Paul Borg l-esponent jaghmel referenza ghad-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-4 ta' Gunju 2014 fejn l-esponent gie ordnat sabiex jirrelata fuq it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut minghajr ma jiehu in konsiderazzjoni l-ammont li qed jirreklama l-istess konvenut fis-subinciz (c) tal-eccezzjoni (1) tal-konvenut.*

5. *Dwar ir-raba' eccezzjoni tal-intimat dwar il-hsara li saret fil-binja aggacenti u cioe l-fond di propjeta tal-konjugi Joe u Rosalie Grech l-esponent jaghmel referenza diretta ghal dak li jghid l-AIC Joseph Stellini fl-affidavit tieghu esebit JS 300401 u l-kontro-ezami tieghu, fejn jispjega d-difetti riskontrati fil-fond tal-klijenti tieghu l-konjugi Grech u anke dwar dak li kien ikkonstata in situ a tempo vergine meta graw il-hsarat. Meta acceda l-esponent l-hsara*

*kienet trangat pero' gie spjegat lilu fejn u kif saret it-tiswija. Ir-rikorrent mhux jinnega li saret il-hsara pero' jghid li mhux tort tieghu ghaliex l-intimat ma hax hsieb jaghmel drains ecc. Bid-dovut rispett hija l-umli opinjoni ta' l-esponent illi mill-provi jirrizulta illi l-intimat il-Perit Ruben Paul Borg kien halla x-xoghol u l-andament tieghu f'idejn ir-rikorrent Salvu Soler ergo s-site kienet f'idejn l-istess rikorrent. Ghaldaqstant l-esponent ihoss li l-istess rikorrent kien dovut bhala kuntrattur inkarigat mix-xoghol jiehu hsieb jara li fl-ezekuzzjoni ma jkunx hemm hsara lill-girien u jiehu dawk il-mizuri propizji fir-rigward.*

*Minn dak li gie spjegat lill-esponent in situ dwar ix-xoghol riparatorju li sar l-esponent ihoss illi s-somma mitluba ta' €762.00 hija wahda gustifikata. Umilment u bir-rispett l-esponent ihoss illi tali hsara grat minhabba nuqqas da parti tar-rikorrent li jiehu l-mizuri mehtiega sabiex jizgura li ma ssirx hsara lil terzi waqt l-ezekuzzjoni ta' l-appalt lilu fdat.*

6. *Ma hemm l-ebda kontribut tekniku illi l-esponent ihoss illi ghandu jaghmel fir-rigward tal-paragrafu numru tnejn (2) tar-risposta tal-intimat."*

Rat ix-xhieda li giet ipprezentata fir-relazzjoni tal-Perit Tekniku.

Il-konvenut il-**Perit Reuben Borg** xehed quddiem il-Perit Tekniku nhar id-19 ta' Frar, 2013 fejn iddikjara li huwa s-sid tal-proprjeta' bin-numru 23, Triq il-Kappillan Hili, Fontana, Ghawdex. Huwa esebixxa l-pjanti tal-fond li gew immarkati bhala Dok RB190201 u Dok RB 190202. Huwa spjega li kien qabbad lill-attur bhala kuntrattur sabiex jesegwilu xi xoghlijiet fil-fond in kwistjoni. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti f'alterazzjoni u bini ta' estensjoni. Huwa spjega li kien hemm ftehim fuq rati qabel ma nbeda x-xoghol u filfatt esebixxa Dok RB 190203 et seq li huwa l-iskeda ta' rati li ftehmu fuqhom. Kien hemm ftehim li kellu jhallas separatament ghall-vjaggi bil-vapur u ghal flat sabiex ikun jista' jabita fih l-attur waqt l-esekuzzjoni tax-xoghol.

Il-konvenut iddikjara li x-xoghol inbeda u ghall-ewwel kien sejjer kollox sew. F'xi zmien ix-xoghol beda jaqa' lura ghax l-intervalli ta' waqfien kienu kbar. Il-hlas fuq ix-xoghol kien isir meta kien ghaddej ix-xoghol. Fil-fatt huwa ddikjara li meta x-xoghol kien qed isir, huwa beda jaghmel hlasijiet akkont pero' ma kienx jaghmel il-kejl.

Huwa ddikjara li fi stadju minnhom ix-xoghol waqa' lura hafna. Filfatt spjega li ghamlu *snag list* ta' x'kellu jitranga minn dak ix-xoghol gia esegwit u lista ohra ta' xoghlijiet li kien ghad jonqos anke in parti. F'dak l-istadju thallew fuq il-post ghodod u armar. Huwa nsista mal-attur sabiex jindirizza l-i*snags* u jkompli ghaddej bix-xoghol. L-attur kien wiegbu li beda xi xoghol f'Malta izda kien lest li jsiblu xi hadd biex ikompli bix-xoghol. Il-konvenut ma kienx accetta din il-proposta u nkariga nies ohrajn li kellu fiducja fihom sabiex isewwu x-xoghol li sar hazin u jigi kompletat il-progett kollu. F'dan l-istadju l-konvenut ma seta' jaghmel l-ebda kuntatt mal-attur ghax ma kienx qed jirrispondi t-telefon. Illum jaf li l-attur biddel in-numru tat-telefon u r-residenza ndikata fi Triq Sant Ubaldeska, Paola mhix ir-residenza propja tieghu. Huwa sostna li mar ifittxu kemm il-darba hemmhekk imma qatt ma sabu.

Il-konvenut iddikjara li waqt ix-xoghol l-attur ikkawza hsara ghand il-girien u lil ta' naha minnhom kissrilhom is-saqaf ghax waqghet gebla fuq l-istess saqaf. Filfatt Soler kien sewwa parti minn dan il-bejt u huwa ghamel il-*waterproofin*g fuqu. Fuq in-naha l-ohra u cioe' l-proprjeta' tas-Sinjuri Grech kienu saru hsarat estensivi minn ilma li dahal minhabba traskuragni mill-attur waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol. Soler kien jaf b'din il-hsara u sewwa naha in parti u n-naha l-ohra ma ghamel xejn. Huwa kien wieghed diversi drabi li dan ix-xoghol riparatorju ser jindirizzah mat-tiswija u snags. Il-konvenut spjega li s-Sinjuri Grech qabbdu lill-Perit Joseph Stellini biex jaghmel rapport u stima tal-hsara u pproduca l-ircevuti kollha tat-tiswijiet u ghalhekk l-attur hallas immedjatament l-ammont ta' seba' mija u tnejn u sittin ewro (€762).

Il-konvenut tenna li qabel beda x-xoghol fil-fond taghhom u anke waqt li kien qed isir dan ix-xoghol huwa kien gie mqabbad mill-attur sabiex jaghmel xoghol professjonali bhala Perit liema xoghol huwa ma thallasx tieghu u jammonta ghal elf, seba' mija u erba' u sittin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1,764.73) inkluz il-VAT. Il-konvenut ghamel proposta ghal zvilupp fi Triq Sant' Ubaldeska, kejjel xoghol fil-bini fl-Universita ta' Malta, l-Imsida, San Gwann u ta pariri professjonali fuq propjetajiet fl-Imsida, Birkirkara u Naxxar. Dawn il-kontijet ta' thallsux.

Il-konvenut kompla jghid li dwar ir-rati, l-attur kien qabbad *quantity surveyor* Dennis Sant sabiex jerga' johrog il-kontijiet u huwa tah l-access ghall-fond pero' huwa ma ndahalx f'li ghamel dan Sant. Pero' qabel ma Sant kien hareg il-kontijiet, huwa kien hareg il-kont u kien wasal ghas-somma dovuta lil Soler. Sussegwentement huma ltaqghu mad-difensuri taghhom minhabba d-divergenza fil-kontijiet. Il-konvenut jidhirlu li din id-divergenza kienet dovuta ghar-raguni li Soler inkluda kwantitajiet zejda u cioe' xoghol li ma sarx jew li ma giex esegwit fl-intier tieghu. Huwa sostna li r-rati li uza dan Sant huma differenti minn dawk li ftehmu fuqhom.

Il-Perit **Reuben Borg** kompla jixhed quddiem il-Perit Tekniku fis-26 ta' Frar 2013 fejn esebixxa bhala Dok. RPB 260201 dokument li jispjega b'mod tekniku u jinkludi dokumenti in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu. Huwa spjega li s-sezzjoni numru 5 hija kampjun rapprezentattiv tax-xoghol li ghamel lis-Sur Soler.

Il-Perit **Reuben Borg** xehed in kontro-ezami fit-3 ta' April 2013 fejn saritlu referenza ghal fol 66 fejn hemm kopja tal-kont tieghu. Huwa spjega li s-servizz tieghu kien kejjel il-proprjeta', ghamel il-pjanti taghha u ghamel xi proposti li gew diskussi mal-klijent u cioe' l-attur u ohtu. Il-Perit kien ipprepara wkoll d-dokumentazzjoni ghas-sottomissjoni tal-MEPA. L-applikazzjoni ma gietx

intavolata ghax ma kellux l-approvazzjoni finali ghall-proposta tal-izvilupp in kwistjoni. Mitlub jghid qattx infurmah li kellu bzonn l-approvazzjoni tieghu wiegeb li iva. Mistoqsi meta kien talabhielu wiegeb li kien meta kienu ghaddejin bil-proposti tal-progett. Huwa kkonferma li l-applikazzjoni kienet giet iffirmata mill-attur hekk kif jidher a fol 72 tar-rapport tieghu.

Ix-xhud ma jiftakarx li baghtlu talba ghal konferma cara tramite korrispondenza pero' ppprometta li jaghmel il-verifiki tieghu u jirrispondi f'seduta ohra. Huwa spjega li kien hemm il-bzonn ukoll konferma ta' titolu ta' parti mill-proprjeta' in kwistjoni u din kienet taffettwa direttament il-proposta stante li tikkonsisti minn parti mill-proprjeta' in kwistjoni. Mitlub jispjega ghaliex oht l-attur kienet diga' ffirmat *certificate of ownership* meta huwa qed jghid li kien hemm problema dwar titolu wiegeb li ma jiftakarx jekk meta ffirmat kienx jaf li hemm l-istess problema dwar titolu. Huwa tenna li f'pagna 75 hemm pjanta li tindika *third party property*. Filfatt dak li kien qed japplika fuqu s-Sur Soler ma kienitx tinkludi *third party property*. Il-kwistjoni tat-third party kienet giet sorvolata meta dawn gew indikati fuq il-pjanti li kienu ser jigu ntavolati l-MEPA.

Mistoqsi ghaliex jekk a fol 68 jirrizulta li kienet diga' thallset id-development permit fee u ghaldaqstant il-klijent kien cert li jrid japplika qal li din kienet biss parti mill-gbir tad-dokumentazzjoni li tenhtieg sabiex tigi ntavolata l-applikazzjoni finali. Huwa gie kkonfrontat bil-verzjoni li s-Sur Soler kemm-il darba pprova jikkuntatjah sabiex jara fejn waslet l-applikazzjoni pero' x-xhud iddikjara li ma jaqbilx ma' dan ghax bl-ebda mod ma seta' jaqbad lis-Sur Soler.

Il-Perit spjega li l-process dwar il-progett ta' Triq Santa Ubaldesca beda ghal habta ta' Awissu 2008 u dwar ix-xoghol li ghamillu l-attur f'Ghawdex ried jivverifika fir-records tieghu. Huwa ddikjara li din l-applikazzjoni ma gietx intavolata ghax huwa ried konferma finali u ma setghax isib lil Salvu Soler sabiex jaghtihielu.

Il-**Perit Reuben Paul Borg** kompla jixhed in kontro-ezami fit-30 ta' April 2013 fejn iddikjara li ma kien hemm l-ebda talba bil-miktub minnu sabiex ikun hemm gwida finali dwar l-applikazzjoni ta' Triq Santa Ubaldesca. Huwa kkonferma li lil Soler ma setghax jirrintraccah ghax minn certu punt 'il quddiem baqa' qatt ma rrisponda t-telefon u anke biddel in-numru tal-mobile tieghu.

Mistoqsi ghaliex mal-kont ta' Soler hemm il-kejl ta' Sier wiegeb li dan sar ghax huma kkuntrattjaw lil Soler pero' dan minn naha tieghu inkariga lil Sier ghat-tqattiegh. Huwa ma jafx min hallas lis-Sier.

Il-Perit saritlu referenza ghal fol 66 tal-affidavit tieghu u cioe' ghall-kont tas-servizzi tieghu u qal li l-kont baghtu lill-attur ghax ix-xoghol kien inghata lil Soler u mhux lil Sier. Huwa spjega li fir-rigward tal-applikazzjoni ta' Triq Sant Ubaldeska kien ikun jaqbillu finanzjarjament idahhal l-applikazzjoni ghax it-tariffa tippermettilu hlas ulterjuri pero' huwa qaghad jistenna.

Dwar il-proprjeta' tal-Imsida spjega li huwa kien iltaqa' mal-familjari tas-Sur Soler fuq il-post u ddiskutew il-proposta. Il-hlas li huwa qed jitlob ta' €50 huwa xi haga nominali. Ghalkemm dan il-progett kien tal-familjari ta' Soler, kien l-istess attur li qabbdu. Ix-xhud saritlu referenza ghall-istima li tinsab ezebita a fol 93 u spjega li ma jafx ghaliex ma fihiex data. Huwa sostna li dan id-dokument filfatt kien ghaddihulu. Ix-xhud saritlu referenza ghal fol 66, items 5 sa 7 u spjega li inkluda l-VAT ghax hemm direttiva tal-Kamra tal-Periti. Ix-xhud saritlu referenza ghal fol 6 u 7 tal-affidavit tieghu u kkonferma li dawn huma r-rati li kien tah Soler sabiex isir ix-xoghol fil-Fontana Ghawdex.

Huwa qal li x-xogholijiet saru fis-sajf tas-sena 2008 sa' Settembru 2009. Huma kienu jiltaqghu huwa u l-kunjata tieghu sabiex jaraw ix-xoghlijiet u l-laqghat kienu jsiru b'mod regolari. Soler kien intrabat li jsewwi d-difetti waqt l-ezekuzzjoni tax-xoghol.

Rat l-affidavit tal-**Perit Joseph Stellini** li gie pprezentat quddiem il-Perit Tekniku nhar it-30 ta' April, 2013 bil-lingwa Ingliza fejn iddikjara li f'Settembru 2010 huwa kien gie mitlub mill-girien tal-Perit Ruben Paul Borg li huma Mr Joe Grech u Mrs Rosalie Grech biex jispezzjona hsara fil-proprjeta' taghhom. Huwa spjega li kien hemm sinjali ta' hsara minn hafna qabel ma' filfatt dawn talbu l-assistenza tieghu. Wara li saru xi laqghat u *site visits,* gie kkonfermat li dawn il-hsarat kienu qed isiru kawza ta' negligenza mill-kuntrattur u minn xoghol pjanat hazin. Dawn il-hsarat gew dokumentati permezz ta' ritratti u komunikazzjoni li kellu mal-Perit Borg. Sussegwentament il-klijenti tieghu ghamlu xoghol ta' riparazzjoni fil-proprjeta' taghhom. Fl-20 ta' Ottubru 2010 kienu gew kompensati tal-ispiza ta' riparazzjoni mill-Perit Borg. Din l-ispiza kienet tammonta ghal seba' mija u tnejn u sittin ewro (€762) u kienet certifikata mix-xhud stess.

Ix-xhud tenna li kull meta' kien imur fuq il-post, il-bini tal-Perit Borg kienet kwazi kompluta imma kienet ghadha *shell form*. Huwa spjega li l-hsara li sab fil-proprjeta' ta' Grech kienet tinkludi moffa mal-hitan, zebgha mifquha u li kienet qed titfarfar, sinjali ta' perkolazzjoni ta' ilma tax-xita fin-naha ta' gewwa tal-hitan, debris fuq is-saqaf u *inadequate rain water disposal*.

Huwa qal illi fuq in-naha tal-Perit Borg ma' kien hemm l-ebda sinjali ta' *preventive measures*. Per ezempju ma kienx hemm *waterproofing* mal-*joints* u mat-truf. Ix-xhud spjega li l-*construction equipment* u l-*building materials* kienu gew impoggija fuq il-bejt ta' Grech.

Huwa jaf li f'xi hin il-koppja Grech kienu gergru fuq il-fatt li l-*concrete slab* tas-saqaf tal-Perit Borg kien inbena biex igorr il-piz tal-wisa' tal-hajt meta' filfatt is-sidien ta' dal-hajt huma Grech u Borg. Il-*washing lines* kienu tnehhew ukoll.

Ix-xhud spjega li Mr u Mrs Grech kienu qabduh biex jikkonstata l-hsara li kellha l-proprjeta' taghhom. Naturalment huwa ma kienx mitlub biex jistudja xi difetti

jew xoghol hazin li mhux relatat fil-proprjeta’ tal-Perit Borg. Pero’ huwa stqarr illi peress li apparentament huwa l-uniku perit apparti l-Perit Borg li kien iffamiljarizza ruhu mal-proprjeta’ in kwistjoni huwa gie mitlub biex jiccertifika l-livell hazin ta’ xoghol li sar fil-bini tal-Perit Borg.

Anness mal-affidavit hemm ritratti mehuda mill-Perit Borg. Huwa ghamel referenza ghar-ritratti numru 27, 28, 29, 61, 62 u 63 u spjega illi dawn ir-ritratti juru illi l-hajt ta’ quddiem tal-istruttura tat-tarag fuq il-bejt ma kienx mibni dritt. Dan id-difett jidher car mid-dell illi l-*fascia* qed titfa’ mal-hajt.

Ir-ritratti numru 25 u 26 juru li l-*courses* mal-hajt ma jikkombacjawx il-*courses* tal-faccata. Huwa ddikjara li skont l-istandards lokali dan huwa inaccettabli specjalment ghax ma jidhirx li hemm raguni valida ghal dan. Apparti l-aspett estetiku dan id-difett jaffettwa wkoll l-istruttura tal-hajt. Minhabba din id-diskrepanza fil-*course levels, alternating headers and stretchers* ma setghux jigu *interlocked*.

Ix-xhud ghamel referenza ghar-ritratt numru 20 li juri opramorta baxxa fil-*washroom* illi ma nbnietx b’mod accettabli ghax il-blokok tal-konkrit li jiffurmaw il-hajt baxx ma kienux *pressed* kontra xulxin biex jifformaw hajt stabbli.

Ir-ritratti numru 6, 7, 14, 15 u 16 huma ritratti li juru li l-livell tal-*courses* tal-opramorta mhix orizzontali imma *sloping*. Probabilment dan huwa qed jimxi fuq is-*slope* tal-*concrete slab* li tinsab taht. Dan is-*slope* fis-*slab* ta’ taht ma kinitx ikkoreguta sewwa billi jinqata’ l-*course* ta’ taht. Dan huwa evidenti mid-differenza fil-hxuna tal-konkrit li jinsab bejn iz-zewg nahat tal-hajt.

Ritratt numru 47 huwa ritratt li juri li l-hitan ma kienux mibnija b’mod perpendikulari ghal xulxin.

Ir-ritratti numru 38, 44, 45, 46, 48, 54, 55, 64 u 65 juru d-difetti fit-tarag tal-konkrit. Dawn id-difetti jikkonsistu f'*uneven risers*, it-truf tat-targiet huma mghawwgin u deformati u hemm *honeycombing* fil-konkrit. Il-*corrections* fir-*risers* jidhru fir-ritratti numru 64 u 65. Ir-ritratti numru 24 u 25 juru li l-*fasciae* fuq kull naha tat-tieqa jvarjaw fil-wisa'.

B'referenza ghar-ritratti numru 60 u 68 tenna li *courses* li ma jaqblux ma' xulxin u blokok li ma humiex *pressed* ma' xulxin jnaqqsu hafna s-*serviceability* tal-istruttura. Dan ix-xoghol jipprevjeni blokok individwali milli jservu bhala hajt wiehed u dan huwa kompletament inaccettabbli anke bhala standard baxx.

Ir-ritratti numru 19 u 50 juru l-blokok tal-konkrit li thallew jispuntaw barra l-hajt ghal ebda raguni partikolari.

Ir-ritratti numru 3, 18, 68, 69, 70, 71 u 72 huma ritratti li juru difetti rikorrenti li kienu gew diskussi aktar 'il fuq. Spjega li fl-ispazju ta' kamra zghira dawn il-*courses* tal-hitan ma jiltaqghux biex jifformaw *sole* f'livell orizzontali. Il-blokok tal-konkrit tal-hitan perpendikulari m'humiex *interlocked* b'mod adegwat.

Ir-ritratti numru 10, 12, 17, 38, 42, 44, 48, 53, 55 u 56 juru difetti bhal *honeycombing, non-straight edging* u konkrit li ma sarx b'mod komplet.

Bhala konkluzjoni x-xhud jghid li x-xoghol ta' kostruzzjoni fil-proprjeta' in kwistjoni hija ta' *substandard level* u hija inaccettabli tant illi dawn id-difetti kellhom iwasslu ghal tibdil fil-*workmanship* ghal wiehed accettabli.

**Il-Perit Reuben Paul Borg** kompla jixhed fis-6 ta' Gunju 2013 fejn iddikjara li x-xoghol ta' Sputnik beda f'Awwissu 2008 u kien kwazi lest sa Settembru 2008. Il-kontijiet ta' Sputnik inghalqu f'April 2009. Huwa tenna li x-xoghol fuq il-fond mertu tal-kawza beda f'Ottubru 2008 u f'Marzu 2009 kien kwazi spicca. Huwa

spjega li l-bulk tax-xoghol kien lest pero' kien fadal hafna xoghlijiet zghar li mbaghad karkru sas-sajf 2009 u fil-veru fatt baqghu qatt ma saru.

Ix-xoghol ta' Nature Trust beda f'Marzu 2009 pero' gie nterrott sa Ottubru 2009 meta rega'; beda u f'Dicembru 2009 Nature Trust iddecidew li jwaqqfuh u hallsuh tax-xoghol li kien hemm sa dak iz-zmien. Ix-xoghol li ghamel il-konvenut fi Triq Santa Ubaldesca gie maghluq f'Lulju 2009 billi baghat l-ahhar sett tad-drawings lill-klijent izda baqa' qatt ma kkonfermahomlu.

**Il-Perit Reuben Paul Borg** kompla jixhed fil-25 ta' Gunju 2013 fejn esebixxa Dok. RPB 250601 li huma l-annotamenti li fuqhom kien xehed fis-seduta tas-6 ta' Gunju 2013. Huwa rega' kkonferma li fl-ahhar tilef il-kuntratt ma' Saviour Soler u approvazzjoni tal-pjanti ta' Triq Sant Ubaldeska qatt ma nghatat lilu. Il-konvenut tenna li sa dakinhar tax-xhieda teighu, ix-xoghol ta' Nature Trust kien ghadu mhux lest. Kuntatt kien hemm bi tbghatija kbira u risposta cara biex japplika l-Mepa u qbil mal-pjanti proposti ma kienx hemm.

Mistoqsi jekk ir-rati li jidhru a fol 6 u 7 tal-affidavit tieghu kienux ir-rati tax-xoghol in kwistjoni wiegeb li jista' jkun li ma kienux. Huwa spjega li x-xoghol ta' Ghawdex Soler kien jaf bih qabel beda dak ta' Sputnik jew inkella flimkien. Fizikament ix-xoghol ta' Sputnik beda qabel dak tal-progett tieghu f'Ghawdex. Filfatt dawn kienu l-ewwel xoghlijiet li saru bejnu u bejn Soler. Mistoqsi ghaliex ir-rati li ftehmu ghal Ghawdex kienu nferjuri ghal dak ta' Sputnik wiegeb li dan il-progett ta' Sputnik kellu terminu li jitlesta f'xahar u ghalhekk kien zmien qasir hafna filwaqt li x-xoghol ta' Ghawdex ma kienx daqshekk mghaggel. Gie pprezentat Dok JS 250601 li skond l-attur huma r-rati applikabbli ghal Sputnik u anke ghall-progett mertu tal-kawza. Huwa qal li ser jaghmel il-verifiki tieghu fuq din id-differenza fir-rati.

Mitlub jispjega ghaliex ix-xoghlijiet skond Dok. RPB 250601 baqghu sejrin sa Marzu 2009 u huwa ghamel pagament akkont fl-20 ta' Lulju 2009 spjega li huwa

stenna dak il-hin ghax ried li jillesti x-xoghol u baqa' jittama li jkompli. Huwa sostna li qatt ma ghaddielu minn mohhu li Soler ma kompliex bix-xoghol ghax ma kienx qed ihallsu. Huwa gie mitlub jispjega ghaliex huwa ccertifika li sa Marzu 2009 Soler kien ghamel bi €13,000 xoghol u hallsu biss €4,000 xoghol wiegeb li huwa kien dejjem intenzjonat li jhallsu ta' kull ma jaghmel pero' stqarr li ma kienx hemm ftehim minn quddiem. L-ammont ta' €13,000 wasal ghaliha wara li naqqas l-ammont li nefaq biex jirranga l-hsara u l-kumpens li ta lill-girien. Huwa sostna li qatt ma poggew ma' mejda biex jiccaraw l-affarijiet ta' bejniethom. Mistoqsi jekk irceviex kont minghand Soler wiegeb li kien ircieva kont tat-tragitt u extras ohra u hallsu taghhom.

Il-konvenut saritlu referenza ghal fol 13 u gie mistoqsi jekk harigx ricevuta fiskali dwarha wiegeb li ried jivverifika pero' peress li l-vertenza ghadha ma ntlaqatx huwa ma jistax johrog ircevuta galadarba ghadhom ma thallsux in kontestazzjoni.

Huwa spjega li x-xoghol rimedjali sar minn certu Joseph Mercieca u l-ircevuta relattiva tinsab esebita a fol 55. Mistoqsi kif wasal ghas-somma ta' €1,980 wiegeb li Mercieca kien tah *quotation* tax-xoghol, huwa analizza x'kien hemm xi jsir u deherlu li kien ragonevoli. Ix-xoghol rimedjali sar man man mal-kumplament tax-xoghol li kien hemm x'jitwettaq. Huwa sa llum ghadu ma marx joqghod hemm. L-elenku tax-xoghol rimedjali jinsab a fol 35 u fol 36. Mistoqsi jekk l-*iscaffolding* ghadux fuq il-post wiegeb li ghadu fil-gnien.

Il-**Perit Reuben Paul Borg** kompla jixhed fis-16 ta' Lulju 2013 fejn iddikjara li fil-kont li kien esebixxa a fol 22 il-quddiem bl-isfar hemm *highlighted* ir-rati li ma kienux ftehmu fuqhom il-*quantity surveyor* ta' Salvu Soler. Huwa spjega li hemm *highlighted* bl-isfar il-korrezzjonijiet tieghu kemm fir-rati u kemm fil-kwantitajiet. Fl-ahhar kolonna hemm spjegazzjoni ghaliex ghamel il-korrezzjonijiet.

Huwa jaqbel li x-xoghol ta' Ghawdex kien sar ezatt wara dak ta' Sputnik. Muri kopja ulterjuri ta' Dok. JS 250601 qal li l-marki bl-isfar fuq l-istess kopja huma differenti ghal pagni 6 u 7 pero' huma rati li kienu applikabbli ghall-progett ta' Sputnik. Ikkonfrontat bil-verzjoni li l-ftehim kellu jkun abbazi ta' Dok. JS 250601 u cioe' r-rati ta' Sputnik wiegeb li dan mhux minnu.

Il-konvenut saritlu referenza ghal pagna tlettax, ghall-figura ta' €1,980 u qal li din hija l-figura li huwa hallas lil Joseph Mercieca skond l-invoice a fol 55. Mistoqsi jekk Mercieca harigx xi fattura tax-xoghol kollu qal li iva hareg pero' huwa ma jarax li ghandha rilevanza ma' din il-kawza ghax ix-xoghlijiet ulterjuri ma kellhomx x'jaqsmu max-xoghol ta' Salvu Soler. Il-konvenut u Mercieca waslu ghal din il-figura wara li kkunsidraw ix-xoghol korrettorju li sar. Huwa spjega li Mercieca ghamel ix-xoghol kollu tal-finitura fil-fond salv id-dawl, l-ilma u l-irham tat-tarag. Jaf li fir-rati miftehma ma' Joseph Mercieca hemm id-dayworks. Huwa kkonferma li waqt ix-xoghol ta' Mercieca hargu difetti ulterjuri mill-operat ta' Soler.

Il-konvenut saritlu referenza ghal fol 66 u cioe' l-istatement dwar is-servizzi professjonali tieghu prestiti lil Salvu Soler. Huwa qal li dwar il-pjanta li talab hlas ghaliha ma gietx intavolata ghax il-process ma nghalaqx. Saritlu referenza wkoll ghal fol 68 u cioe' ghall-hlas li sar fit-2 ta' April 2009. B'referenza a fol 107 u cioe' l-kont ghax-xoghlijiet ta' Nature Trust mahrug minn Salvu Soler gie mistoqsi galadarba hareg ic-certifikat a fol 108 et seq jekk dak iz-zmien kellux kuntatt ma' Soler wiegeb li iva kellu.

Il-konvenut qal illi fil-perjodu ta' wara April 2009 inqalghu problemi strutturali fi Sputnik u kien hemm xi konkos hazin hafna. Fl-istess zmien Soler ma riedx jirranga l-isnags ta' Ghawdex u ried iqabbad lil haddiehor. F'dan il-perjodu kellhom problema biex jikkuntatjawh dwar il-problemi li kellhom fi Sputnik fejn sahansitra biddel in-numru tat-telefon. Huwa pprova jikkomunika anke mal-mara ta' Soler biex jipprova jasal ghalih. Nel frattemp il-fornitur tal-materjal ghal

Sputnik kien dispost jiddiskuti transazzjoni u kien f'dan il-punt li l-istess fornitur ikkonvinca lil Soler biex jattendi ghal-laqghat relattivi u b'hekk rega' sar il-kuntatt ma' Soler.

Huwa kien mar ifittxu personalment fl-indirizz ta' Sant Ubaldeska biex ikellmu pero' ma sabux hemm. Mistoqsi jekk kitiblux ittra wiegeb li le. Huwa kien kellem lil mart l-attur u kien hemm diskussjoni biex jippruvaw isibu soluzzjoni ghal dak li kien qed jigri fil-progett ta' Ghawdex. Huwa ma jiftakarx jekk tkellimx maghha biex jaghlqu Sputnik u l-progett ta' Triq Sant Ubaldeska.

Il-konvenut iddikjara li kien stante s-sadd fil-katusa tal-ilma tax-xita li skond il-konvenut kien ghan-nuqqas ta' kawtela fl-operat ta' Soler.  Ix-xoghol sar minn-neputi tat-terz in kwistjoni u huwa esebixxa l-ircevuti fiskali li kellu.

**Il-Perit Reuben Paul Borg** rega' xehed in kontro-ezami fl-10 ta' Ottubru 2013 fejn saritlu referenza ghas-saqaf li hemm fuq quddiem fit-tieni sular tal-pjanta Dok. RB 190202 u qal li l-perkolazzjoni kienet kemm minn dan is-saqaf u anke minn partijiet ohra minn dan l-istess appogg. Dan l-appogg ziedu fuqu u dan mat-tul kollu tieghu. L-ilma tal-bejt indikat imur ghat-triq kemm l-antik u anke l-gdid. Huwa ma jiftakarx jekk tax struzzjonijiet lill-attur biex jaghmel katusa. Huwa jaf li saret minn terzi. Il-Perit qal li meta' sar is-saqaf gdid saret estensjoni tal-katusa gia ezistenti. Meta sar is-saqaf il-faccata ma kienitx lesta u l-ilma kien imur ghal got-triq. Soler kien illesta zewg filati mill-appramorta. Huwa spjega li ghalkemm kien hemm il-membrane mal-gar, huwa ma jiftakarx kienitx saret il-connection anke b'mod temporanju meta kienu saru z-zewg filati tal-appramorta. Skond hu l-ilma kellu fejn imur.

Il-konvenut saritlu referenza ghar-ritratti 1, 19 u 50 u gie mistoqsi kif kejjel iz-zewg filati murija. Huwa qal li kien kejjel bil-qasba. Ix-xoghol ta' dayworks kien thallas extra. Mistoqsi jekk il-bajjad uzax dan l-iscaffolding wiegeb li l-bajjad gab l-armar tieghu u jaf li l-iscaffolding ta' Soler kienu zarmawh. Filfatt waqt l-

access tnehhew ix-xriek fuqu. Il-bajjad kien Mercieca u ma uzax scaffolding. Huwa spjega wkoll li t-trimming addizjonali gieh skond l-ircevuti li pprezenta. Mistoqsi kemm hadilhom hin biex nehhew l-iscaffolding wiegeb li ma kienx prezenti pero' jaf globalment kemm hallas.

Il-konvenut tenna li kellu l-intenzjoni li jaghmel bir u ghalhekk semma *inadequate formation of pit*. Spjega li Soler haffer bl-idejn u mal-andament tax-xoghol rega' mtela' dak li kien haffer. Huwa ma jiftakarx illi kellha tigi provduta *hymac* minn certu kumpanija Gatt Brothers sabiex Soler ikun jista' jqatta' l-blat bih. Mistoqsi ghaliex ma ghamilx il-bir qal li sa llum ghadu ma ghamlux ghax huwa jiddeciedi meta ghandu jsir. Mistoqsi jekk tax struzzjonijiet specifici sabiex il-materjal Soler jiehdu minghand Gatt qal li dan mhux minnu. Huwa kien issuggerielu diversi fornituri fosthom JCR, Hili u ohrajn minn barra dan Gatt li ddecieda li ghazel. Il-konvenut qal li l-iscaffolding ingabar fl-intier tieghu waqt l-access u Soler iddecieda x'jigbor waqt l-access hu stess.

Saritlu referenza ghal plate 3, number 18, 68, 69, 70, 71 u 72 u gie mistoqsi jekk kienx gallinar li kien fil-gnien qal li iva kien fil-kamra tal-gnien. Huwa ma jafx jghid jekk il-hitan ta' din il-kamra kienux bla qatran. Il-konvenut iddikjara li dak li tella' Soler zgur sar bla qatran. Illum-il gurnata l-hitan inksew.

Saritlu referenza wkoll ghal plate 6, 7, 14, 15 u 16 u kkonferma li s-suletta ghamilha Salvu u tinsab anke fil-kont. Mistoqsi jekk hix isservi ta' cintorin ghax-xoghol qal li le din qed tghatti l-hazin li ghamel Soler.

Il-konvenut saritlu referenza wkoll ghal plate 9, 32, 33, 34, 35, 57 u 59 u gie mistoqsi jekk l-attur kienx ghamel it-tieqa u huwa ta struzzjonijiet biex jiccaqlaq qal li r-ritratti juru diversi twieqi. Huwa spjega li dawn ma sarux kartabum u ma setghux isiru finituri fuqhom. Ma jiftakarx li fuq il-pozizzjoni tah struzzjonijiet, jaf li fuq il-qies kien hemm diskussjoni u ma jiftakarx dan kienx wara li saret il-fetha. Huwa jidhirlu li din saret minn haddiehor.

Huwa spjega li 67 hija t-tieqa hekk kif irrangata minn terzi u mhix l-istess tieqa li hemm f'Dok 29. Is-67 hija *within tolerance* li jahdem mal-aluminium.

**Dennis Sant** xehed quddiem il-Perit Tekniku nhar il-15 ta' Ottubru 2013 fejn iddikjara li huwa *quantity surveyor*. Huwa kkonferma li l-attur kien qabbdu jghamillu kejl ta' xoghol fuq progett gewwa l-Fontana, Ghawdex. Ix-xhud kien mar ikejjel nhar it-2 ta' Marzu 2011 u kien hemm prezenti l-attur u l-konvenut. Ix-xoghol kien lest u huma spjegawlu x-xoghol li kien sar. Huwa jaf li anke l-kuntrattur li kompla wara Salvu Soler kien ghamel xi xoghol.

Ix-xhud tenna li l-partijiet kienu spjegawlu x-xoghol li ghamel Soler u huwa kejjel fejn qalulu. Il-konvenut kien irreferieh ghall-pjanti ghal certu xoghol. Huwa hareg il-kont fis-26 ta' Mejju 2011 u gharaf l-istess kont f'pagna 14 sa 21 tal-affidavit tal-konvenut. Mid-dehra kien hemm xi affarijiet li l-partijiet ma qablux fuqhom u ghalhekk iltaqghu fl-10 ta' Novembru 2011 fl-ufficju tax-xhud izda xorta baqghu ma qablux. Ir-ragunijiet li ta l-Perit konvenut kienu li kien hemm xoghol li ma sarx, xoghol li sar hazin u xi rati li ma qablux fuqhom. Ix-xhud iddikjara li r-rati li applika kienu dawk li tawh Salvu Soler. Kien hemm kwistjoni fuq ir-rati tal-hadid ghax Soler qal li peress li kien Ghawdex kien hemm rati differenti.

**Antoinette Spiteri** xehdet fil-15 ta' Ottubru 2013 u ddikjarat li hija tiehu hsieb il-karti ta' Salvu Soler, il-pagi u f'dan il-kaz anke l-logistika ta' certu affarijiet. Il-Perit Borg kien icemplilha filghodu biex l-attur jitla' jahdem pero' l-attur kien ikun hemm. Hija stqarret li hija s-siehba ta' Salvu Soler u jghixu flimkien. B'hekk kienet tkun taf jekk Salvu harigx ghax-xoghol u ghalhekk kien icemplilha l-Perit Borg. Hija tiftakar li darba fl-ghaxra ta' bil-lejl cemplilha l-Perit Borg u qalilha li diehel l-ilma u li Salvu mhux jirrispondieh. Hija wegbitu "*kif tridu jirrispondik jekk ikun rieqed".* Ix-xhud stqarret illi kienet tghidlu lil Salvu pero' hu kien jghidilha biex il-Perit Borg icempel lilu.

Hija spjegat li l-pagamenti li kien ihallas il-Perit Borg kienu b'lura. Giet murija pagna 8 mal-affidavit tal-Perit Borg u hija taqbel mal-figuri prezentati u mad-dati. Hija qalet li l-invoices ma kinitx hargithom ghax kontijiet ma kellhiex. Il-Perit Borg ma harigx quantities u b'hekk ma setghax johrog invoices. Huwa kien ihallas *on account*. Hija qalet illi fl-ahhar baghtitlu l-lista tal-extra works b'posta registrata ghax kien jghidilha li mhux qed jirceviha. Hija esebiet Dok. AS 151001 li huwa lista aggornata tal-extra works. Sa dakinhar huwa kien hallas disat elef ewro (€9,000). Il-kejl kien jghid li baghtulha e-mail pero' hija qatt ma rcevietu.

**Il-Perit Joe Stellini** xehed in kontro-ezami fl-20 ta' Frar 2014 fejn iddikjara li qabel imbeda x-xoghol fil-proprjeta' tal-konvenut huwa ma kienx gie mitlub jaghmel *condition report* tal-proprjeta' 21, Triq il-Kappillan Guzeppi Hili, Fontana. Huwa ma jafx jekk sarx *condition report* dwar il-fond in kwistjoni minn haddiehor. Mitlub jghid jekk telghax jara x'hemm fuq il-bejt tal-Perit Borg meta dahal l-ilma fil-fond tal-klijenti tieghu qal li tela'. Mistoqsi jekk il-parti ta' quddiem tal-bejt tal-fond tal-Perit Borg kellux sistema ta' dranagg tal-ilma tax-xita qal li huwa ma telghax fuq il-bejt tal-konvenut. Huwa tela' fuq il-bejt tal-klijenti tieghu. Spjega li meta tela' hu kien sar ix-xoghol tal-konvenut u kien hemm kanna li ma jafx kinitx hemm qabel jew saret wara. Huwa qal dan ghax il-kanna kienet tidher provizorja.

Huwa tenna li ma setghax ihares fuq il-bejt tal-Perit Borg ghax dak huwa ghola. Ix-xhud qal li ghal bidu ma kienx acceda fil-fond tal-Perit Borg pero' meta kien ghamel kuntatt mieghu u l-konvenut tela' Ghawdex jiltaqa' mal-klijenti tieghu, huwa kien acceda wkoll fil-fond tal-konvenut. Ix-xhud gie kkonfrontat bil-verzjoni li fuq il-bejt tal-konvenut ma kienx hemm drain u huwa wiegeb li ma jiftakarx x'kien hemm. Huwa spjega li kien acceda fil-fond tal-Perit Borg xi tliet darbiet u dahal in konnessjoni mal-problema tal-ilma. Huwa stqarr li ma kienx l-inkarigu tieghu isib soluzzjoni ghall-problema ta' ilma fil-fond tal-Perit Borg. Ix-

xhud sostna li primarjament huwa kien medjatur bejn il-klijenti tieghu u l-Perit Borg u finalment xhud tal-ftehim. Huwa kkonferma li l-ilma ma kienx qed jigi drained.

Ix-xhud spjega li wara li kien lesta l-inkarigu li kellu mill-konjugi Grech huwa kien gie nkarigat ex parte mill-kollega tieghu l-Perit Ruben Borg. Huwa dan l-inkarigu nghatalu ftit qabel id-data tal-affidavit tieghu. Il-konvenut kien ipprezentalu r-ritratti u x-xhud ikkummenta fuqhom biex hejja r-rapport tieghu. Huwa stqarr illi kien hemm cirkostanzi meta acceda fil-fond tal-Perit u kkummentaw fuq il-livell baxx tax-xoghol pero' dakinhar kien ghadu ma giex inkarigat mill-Perit Borg. Huwa ma kienx rega' acceda fil-fond tal-Perit Borg sabiex jaghmel ir-rapport esebit in atti ghax hassu komdu jikkummenta fuq ir-ritratti peress li huma cari izjed. Dawn ir-ritratti kien ghaddihomlu l-Perit Borg.

Ix-xhud stqarr illi huwa kien dahal fuq il-post meta kien sar il-*finishing* pero' l-post kien ghadu mhux komplut. Bil-finishing li sar kien hemm difetti li nkixfu iktar u ohrajn li tghattew. Huwa ma kienx involut fix-xoghol rimedjali li sar fil-fond tal-Perit Borg.

**Joseph Mercieca** xehed fl-20 ta' Frar 2014 fejn iddikjara li huwa jaghmel xoghol ta' *finishing* fosthom tikhil, zebgha u anke madum. Huwa jaghmel ukoll art tal-konkos u dak ix-xoghol kollu konness mas-sengha tieghu. Ix-xhud stqarr illi huwa jaghmel ukoll xoghol relatat ma' bini bhal ftuh ta' bibien jew alterazzjonijiet taghhom.

Fil-fond in kwistjoni, huwa ghamel il-madum, kesa, rranga l-koxox tal-bibien, irranga l-livell tat-tarag billi pogga l-bricks biex ikkoregieh. Huwa stqarr illi ma jafx min qieghed it-tarag.

Huwa ma jafx il-kont ezatt ghax fadallu jaghmel xi xoghol zghir fil-fond in kwistjoni. Spjega li l-kont li jinsab esebit a fol 55 kien jinkludi korrezzjoni ta'

tarag pero' ma jiftakarx x'kien ezatt, irranga xi briks, ta xi konkos, irranga xi faxxa fil-faccata, ghamel xi filata fil-faccata u biddel xi bicciet fit-tarag tal-gebel. Huwa ma jiftakarx jekk ftehmux qabel fuq l-ammont ta' €1,980. Mistoqsi ghaliex hareg dan il-kont ta' €1,980 wiegeb li kien talabulu l-Perit Borg. Huwa spjega li ghandu wkoll trakk tal-iskips u high up.

Ix-xhud iddikjara li huwa thallas ta' din l-invoice u thallas anke tax-xoghol l-iehor on account. Huwa esebixxa Dok. JM 200214 li hija kopja fidila tal-invoice li hareg hu. Huwa ma jiftakarx kemm ilu ghaddej bix-xoghol fil-fond tal-Perit Borg pero' jaf li ilu ghaddej sentejn zgur. Huwa jaf li kien fadal xi xoghol zghir bhal xi rtokk ta' bibien.

Rat l-affidavit li pprezenta l-attur **Saviour Soler** nhar l-20 ta' Frar 2014. Huwa spjega li kien iltaqa' mal-Perit Borg meta hu kien qed jahdem fuq il-bini tal-pont ta' San Giljan fejn hu kien jittestja l-konkos u kien qed jahdem mal-kuntrattur illi kien qed jaghmel ix-xoghlijiet. Il-Perit Borg kien ha mpressjoni tajba ta' kif jahdem u beda javvicinah biex iwettaqlu xi xoghlijiet. Filfatt il-Perit kien tah bicca xoghol fil-fabbrika ta' Sputnik Precision Engineering f'San Gwann kif ukoll ghan-Nature Trust. Kien ukoll jghidlu illi kellu bicca xoghol tajba ghalih f'Ghawdex u cioe' fid-dar tal-familja tieghu.

L-attur kien wiegbu li jaqbillu jqabbad bennej Ghawdxi pero' wiegbu li ma riedx iqabbad bennej Ghawdxi ghax beza' li jitolbuh hafna flus u li jisirquh. L-attur kien qallu illi ma setghax jitlaq ix-xoghol li ghandu hawn Malta izda l-Perit qallu biex jitla' kull meta jkollu c-cans. Meta ltaqghu l-ewwel darba l-konvenut urieh il-pjanti u hatnu tah €2,000 depozitu. Il-konvenut ma tahx terminu sa meta kellu jitlesta x-xoghol u ftehmu li jhallsu tal-ispejjez zejda biex jitla' jahdem Ghawdex.

Meta l-perit tah ix-xoghol ta' Ghawdex, l-attur kien diga' qed jahdem taht supervizjoni tal-konvenut f'xoghol San Gwann ta' Sputnik Precision

Engineering. Huwa ddikjara li ma jaghmilx sens li accetta li jahdem ix-xoghol ta' Ghawdex bir-rati li l-perit Borg allega li l-attur kien talab a fol 6 u 7 tal-affidavit tieghu ghax huma rati nferjuri ghal dawk li l-istess Perit Borg kien iccertifikalu fil-progett ta' Sputnik.

L-attur spjega li baghat email lill-konvenut fid-19 ta' Dicembru, 2008 (Dok. A) fejn indikalu x'kienu r-rati tax-xoghol. Ghalkemm hafna mir-rati huma simili ghal dawk applikati fil-progett ta' Sputnik, kien hemm qabza sostanzjali fil-prezz tal-hadid minhabba l-prezz fis-suq f'dak iz-zmien.

L-attur spjega li meta beda x-xogholijiet f'Ghawdex, beda jorganizza x-xiri ta' materjal mehtieg sabiex iwettaq ix-xogholijiet. Il-konvenut kien hadu ghand Gatt Construction sabiex jiehu l-materjal minghandu peress li kellu jiehu flus minghand Gatt Construction izda l-attur spicca jhallas ghal dan il-materjal peress illi Gatt kien qed jaghfsu biex ihallsu u l-konvenut qatt ma ccara s-sitwazzjoni sabiex huwa ma jkollux ghalfejn ihallas lil Gatt.

Huwa tenna li x-xoghol f'Ghawdex kien jinvolvi fi tragitt kbir li huwa ma giex ikkumpensat ghalih. Huwa kull ma thallas extra kien ghall-ispejjez tat-trasport. L-attur sostna li ma giex ikkumpensat ghal hin li hela biex jivjagga bejn Malta u Ghawdex, diesel tal-vetturi u l-ikel li kienu jsajru hu u l-haddiema tieghu fi flat go Xlendi. Wiehed jista' jivverifika dan mir-rendikont tax-xoghlijiet addizzjonali illi l-konvenut ipprezenta a fol 20 u 21 tal-affidavit tieghu.

L-attur stqarr illi huwa kien imur jahdem Ghawdex b'mod regolari u kien iqatta' hafna granet in fila jahdem hemmhekk. Huwa qal li gieli ghamel tmint ijiem jahdem hemm u jdum sat-tmienja ta' filghaxija. Ghalkemm ix-xoghol beda jsir u bdew tielghin il-kontijiet u minkejja li l-attur beda jitolbu sabiex johrog ic-certifikat tax-xogholijiet, il-konvenut qatt ma hareg certifikat u waqa' hafna lura fil-hlas. Dan jidher car mill-iskeda ta' hlasijiet li wettaq il-perit li tinsab esebita a fol 8 tal-affidavit tal-konvenut. Minn dan ir-rendikont jirrizulta li wara d-

depozitu inizjali ta’ elfejn ewro, il-konvenut kulma tah kien elfejn ewro sa’ Lulju tas-sena ta’ wara meta l-Perit tah €5,000 f’Lulju tas-sena ta’ wara. Qabel dan il-hlas ta’ €5,000 huwa kien hareg xi €10,000 fi spejjez u ghalhekk il-Perit lanqas kien koprieh tal-ispejjez li nefaq. F’dak l-istadju x-xoghol kien kwazi lest kollu imma huwa sostna li ma setghax ikompli jahdem ghax ried ihallas lill-haddiema u l-materjal. Huwa ddikjara li ma setghax jibqa’ jahdem ghal-lasta u ghalhekk ma baqghax jitla’ Ghawdex. Minkejja dan, qal li l-Perit qatt ma kkuntatjah sabiex jara ghaliex ma kienx baqa’ jitla’ ghax-xoghol minkejja li kien halla l-iscaffolding u l-ghodda fuq il-lant. Huwa stqarr illi meta sar l-access gabar xi ghodda u scaffolding tieghu pero’ lahqu ghosfru xi travetti u tavluni.

L-attur iddikjara li mhux minnu li l-konvenut ma setghax jikkuntatjah bil-mobile ghax barra l-mobile tieghu, huwa kien jaf bin-numru tas-siehba tieghu li kienet iccempillu regolarment sabiex jaghmel il-kont tax-xoghol li wettaq kif ukoll tad-drittijiet dovuti lill-perit Borg. Il-perit qatt ma kien jirrispondiha lil Antoinette Spiteri u anke kienet iccempillu l-ufficcju kemm-il darba. Ghaldaqstant Antoinette Spiteri kienet cemplet lill-mara tal-perit Borg u din wegbitha li m’ghandhiex x’taqsam ghalkemm weghdet illi hija kellha tkellmu fir-rigward. Ftit wara l-konvenut cempel lura lil Antoinette Spiteri u qallha biex ma tkellimx aktar lil mara tieghu. Hija ppruvat titolbu biex johrog il-kontijiet izda l-konvenut ma tax kaz u qata’ t-telefon.

Meta l-attur baqa’ ma thallasx u l-perit Borg ma ghamel l-ebda kuntatt biex isir il-hlas u jitkomplew ix-xogholijiet, huwa kitiblu permezz tal-avukat tieghu fis-17 ta’ Jannar 2011 (Dok. B) u l-perit Borg irrisponda illi huwa kien diga hallas parzjalment u ma setghax jikkuntatjah (Dok. C u D).

Sussegwentement fis-26 ta’ Jannar, 2011 il-Perit Borg baghat il-*Bill of Quantities* illi hadem huwa stess tax-xogholijiet li kien wettaq fid-dar tieghu (Dok. E). Dan il-kont tela’ ghal aktar minn € 13,132.21 u dan barra l-*extra works* li kienu telghu ghal €4,195.81 (a fol 20 u 21 tal-affidavit tal-perit Borg). Dan ifisser illi l-perit

Borg stess irrikonoxxa li kellu jaghtih €17,328.02 imma sa dakinhar kien hallsu biss €9,000.

L-attur ma qabilx mal-kontijiet tal-perit u ghalhekk ftehmu li jtella' lil *quantity surveyor* Dennis Sant sabiex ikejjel ix-xogholijiet. Ghal dan il-kejl kien prezenti l-perit Borg innifsu u minkejja illi x-xoghol kien inkesa, is-Sur Sant hareg il-kejl illi l-konvenut esebixxa a fol 14 et seq tal-affidavit tieghu. Ir-rati illi applika Dennis Sant kienu r-rati li gew ipprezentati bhala Dok. JS250601 u li kienu r-rati li gew applikati fix-xoghol ta' Sputnik li kien beda jitwettaq qabel ix-xoghol f'Ghawdex.

L-attur tenna li fit-3 ta' Gunju 2011, il-perit Borg kiteb lill-avukat tal-attur (Dok F) illi rrispondieh fit-30 ta' Gunju 2011 (Dok G) illi l-attur kien baghat il-kont skont il-kejl li hareg is-Sur Sant fis-26 ta' Mejju, 2011 liema ittra l-perit Borg irceviha fit-8 ta' Gunju 2011 (Dok. H). Madankollu l-perit Borg ma rrispondiex ghal din l-ittra imma lill-avukat tieghu qallu li ried jiccekja l-kont u li diga thallas ammont minnu u ried illi ssir laqgha halli jigu ccarati d-differenzi (Dok. J u K). Pero' minkejja dawn il-weghdiet, il-perit baqa' ma wiegbux u ghalhekk l-attur baghtlu ittra ufficjali numru 187/2011 li giet ipprezentata fit-12 ta' Settembru 2011 (Dok L). Kien biss wara din l-ittra ufficjali li l-perit Borg iccaqlaq ghax baghat risposta datata 5 ta' Ottubru 2011 (Dok. M) fejn gie propost illi ssir laqgha bejn il-partijiet. L-avukat tal-attur irrisponda din l-ittra fl-10 ta' Ottubru 2011 (Dok. N). Sussegwentement l-avukat tal-konvenut baghat ittra ohra datata 19 ta' Ottubru 2011 (Dok. O) illi fiha l-Perit Borg ikkwantifika l-ammont dovut lilu fis-somma ta' €4,506 apparti x-xoghol extra li sar. L-avukat tal-konvenut semma wkoll illi l-konvenut kien offra li jhallas €4,000 ghas-saldu izda l-attur ma marx jigbor ic-cekk. Hawnhekk l-attur cahad li l-konvenut xi darba offrielu dan l-ammont sabiex tinghalaq il-kwistjoni. Fi kwalunkwe kaz, huwa ma kienx ser jaccetta din l-offerta ghax kien baqaghlu aktar flus x'jigbor.

Fl-1 ta’ Novembru 2011 il-perit Borg baghtlu l-kont tas-servizzi li kien ipprestalu u li l-attur kien ilu jirsisti ghalih zmien. Dan ghalkemm il-kont huwa datat 20 ta’ Novembru 2010 imma huwa rcevieh biss mal-e-mail tal-legali tieghu tal-1 ta’ Novembru 2011 (Dok Q).

Fit-2 ta’ Novembru 2011 saret laqgha bejn il-partijiet u deher bic-car li ma kienux ser jaqblu. L-avukat tal-attur ippropona li l-perit Borg ihallas l-ammont ta’ €4,000 dakinhar, liema ammont ma kienx in disputa. Sussegwentement qablu li jhallas somma addizjonali ta’ €862.55 illi l-perit Borg irrikonoxxa li kellu jaghtih (Dok. R, S u T). Filfatt hallas lill-attur fit-30 ta’ Mejju, 2012 wara li l-avukati tal-partijiet ftehmu li tali hlas ma kienx ghas-saldu tal-ammont pretiz.

L-attur iddikjara li b’kollox il-perit Borg hallsu l-ammont ta’ €13,862.55. Filfatt il-kont li hareg Dennis Sant kien jammonta ghal €14,549.23 li maghhom irid jizdied il-VAT li jammonta €2,618.86 jigifieri total ta’ €17,168.09. Minn dan l-ammont, l-attur hallas €5,086.42 lil Gatt Enterprises, €1,775.33 lil JCR Ltd u €2,388.50 f’pagi lil haddiema, b’kollox €9,250.25 u dan skond id-Dok U. L-attur ma nkludiex il-paga tieghu f’dan il-kalkolu.

L-attur spjega li Dok. V jinkludi ammont ta’ €233 ghat-tqeghid tal-lavur illi ma kienx inkluz fil-kont li pprezenta l-perit Borg. Pero’ l-attur induna li hemm spejjez ohrajn li m’humiex inkluzi f’Dok. V. Dawn l-ispejjez huma €480 ghal xiri ta’ diesel, € 40 hlas ghall-appartament, €51.75 noll tal-vapur, €13.50 xiri ta’ membrane, €50 sabiex hareg stima ghal xogholijiet fuq inkarigu tal-perit Borg u €170 lil Dennis Sant tal-kejl skond kif jirrizulta minn Dok. W. B’hekk l-ammont ta’ €5,234.06 huwa dovut ghall-ispejjez addizzjonali li l-attur dahal ghalihom sabiex jaghmel ix-xoghol gewwa Ghawdex. Huwa sostna li fuq l-ispejjez li huwa ghamel ma zied l-ebda *mark up* sabiex jikkumpensah ghall-hin illi hela jigri ghall-permessi jew sabiex jikkumpensah ghall-hin li hela jigri ghall-permessi jew sabiex jasal Ghawdex.

Ghaldaqstant l-attur iddikjara li b'kollox kellu jiehu ghax-xoghol li wettaq Ghawdex is-somma ta' €22,402.15 illi minnhom il-perit Borg kull ma hallas kien €13,862.55 u ghalhekk baqa' bilanc ta' €8,539.60 flimkien mal-imghax minn Settembru 2011 'il hawn.

L-attur ghamel referenza ghall-ammont ta' € 50 pretizi mill-konvenut fir-rigward tal-proprjeta' tal-Imsida. Huwa spjega li din ma kienitx bicca xoghol li qabbdu jaghmlu hu imma kien qabbdu ma' hatnu u ghalhekk il-perit kellu jibghat il-kont lilu u mhux lill-attur. Huwa ddikjara li lanqas l-ammont ta' €150 ghall-istima tal-garaxx f'Birkirkara m'hi dovuta ghax din l-istima qatt ma ghaddihielu lill-attur. Sostna li l-istima li l-konvenut ipprezenta a fol 93 tal-affidavit tieghu qatt ma kien raha qabel din il-kawza. Huwa ma jistax jifhem kif din l-istima harget bla data u fl-ammont ta' €93,000 li huwa l-ammont li ssellef mill-bank u meta huwa dan il-garaxx xtrah fl-ammont ta' € 139,762 kif jidher fil-kuntratt immarkat bhala Dok. Y. L-attur sostna li l-konvenut qatt ma hareg ricevuta fiskali ghall-ammonti li qed jippretendi illi paca mal-ammont bilancjali tax-xoghol li wettaq l-attur f'Ghawdex. Huwa mhux lest li jhallas ghal servizzi li l-konvenut ma wettaqx.

L-attur ghamel referenza ghad-danni li l-konvenut qed jallega li sofra, u qal li fl-ewwel lok il-perit Borg qatt ma talbu li jkompli x-xogholijiet wara li huwa waqaf meta hu ma kienx qed ihallsu u lanqas qatt ma talbu jirrimedja xi xogholijiet illi kien lesta. Il-perit kien jitla' ta' spiss jispezzjona l-post imma qatt ma qallu biex jirranga xi xoghlijiet. Huwa spjega li l-maggoranza tad-difetti m'huma difetti xejn ghax jitrangaw meta jsir il-*finishing* tal-post. L-attur ma jaqbilx illi r-rimedjar tad-difetti kellu jitla' ghal €1,980 u sostna li ma nghatat l-ebda spjegazzjoni ghar-rimedjar li allegatament sar. Huwa nnota li ma gietx ipprezentata l-ircevuta fiskali tax-xoghol ta' rimedjar li allegatament sar minn Joseph Mercieca.

Il-konvenut hallas € 762 lill-gar tieghu sabiex jaghmel tajjeb ghall-infiltrazzjoni tal-ilma li dahal fil-post tieghu. L-attur iddikjara li l-Perit qatt ma tah

struzzjonijiet biex jaghmel xi katusi mill-bejt li jidher fir-ritratt numru 26 li gie esebit f'pagna 43 tal-affidavit tieghu. Ghalhekk meta ghamlet ix-xita l-ilma ma kellux fejn imur u pperkola fil-post tal-gar. L-attur sostna li dan sar minhabba li l-perit Borg naqas li jahseb ghall-ilma tax-xita u mhux minhabba xi nuqqas da parti tieghu.

**L-attur Saviour Soler** xehed in kontro-ezami fit-18 ta' Marzu 2014 fejn gie kkonfrontat bil-verzjoni li huwa kien gie kkumpensat ikkonferma li l-kirja hallasha hu pero' l-konvenut kien ikkumpensah tal-hlas li ghamel. Huwa kkonferma li qed jippretendi l-hlas tal-ikel ghax Ghawdex kellu jerga' jsajjar u mhux jiekol mill-borma tal-familja tieghu. Huwa ppretenda li l-konvenut minn jeddu kellu joffrilu li jhallas tal-ikel. L-attur iddikjara li ma kellux xoghol iehor Ghawdex minbarra dan ix-xoghol in kwistjoni.

L-attur tenna li huwa ma kienx miftiehem bir-rati ghax certu xoghol ma jistax isir bir-rati izda jsir bid-*dayworks*. Mistoqsi jekk gibidx l-attenzjoni tal-klijent ghal affarijiet bhal dawn wiegeb li l-kont kien ghamlu bil-kejl kif ried il-konvenut.

Huwa spjega li l-kont li hareg hu kien tad-*dayworks* pero' ma kienx hemm il-hlas tal-iscaffolding. Huwa talab il-hlas sabiex jintrama l-iscaffolding u tat-tragitt biex garru minn Malta.

L-attur jaqbel li x-xoghol ta' Sputnik kien *frame structure* go fabbrika. Huwa spjega li hemm differenza bejn il-fabbrika ta' Sputnik u l-post li ghamlu gewwa Ghawdex u li r-rati huma differenti. Huwa ddikjara li x-xoghol zammu lura ghand il-konvenut ghax ma kienx jaghtih flus bizzejjed. L-attur kien ghamilielu cara li jkompli x-xoghol Ghawdex meta jkun hafif mix-xoghol ta' Malta.

L-**attur Saviour Soler** rega' xehed in kontro-ezami fit-8 ta' April 2014 fejn gie muri r-ritratti 32 sa 35 u gie mistoqsi jekk dan hux xoghol skond l-arti u s-sengha wiegeb li ma fihom xejn hazin. Huwa gie muri r-ritratt 68 u qal li ma fih xejn

hazin. Dwar it-tmiem tax-xoghol huwa qal li ried ikompli bix-xoghol izda ma bediex jaghtih flus u dam hafna biex jaghmel kont. L-attur stqarr illi qatt ma kitiblu ghax ma kellux ghalfejn. Il-konvenut huwa perit u ghalhekk jaf kemm jiswew l-affarijiet.

L-attur spjega li dwar hlas huwa dejjem halla f'idejn il-konvenut ghax kien prudenti u dejjem hareg il-flus minn tieghu. Filfatt saru pagamenti akkont pero' ma sarux bizzejjed. Dawn il-pagamenti li saru jirrizultaw mill-affidavit tieghu. Huwa tenna li kien qabbad lil min hu tal-mistier biex ikompli bix-xoghol imma dan ma ghamel xejn ghax ma giex. L-attur qabbad lil haddiehor ghax ftihem mal-konvenut li jmur meta jkollu cans. Huwa stqarr illi ma tkellimx mal-bennej l-iehor dwar tiswija.

L-attur iddikjara li meta dahal ikejjel Dennis Sant ix-xoghol kien kif hallieh hu salv il-kisi. Spjega li x-xoghol ma setghax jitkejjel ghax kien miksi. Huwa kkonferma li Dennis Sant kien kejjel tajjeb u li filfatt kien gie nkarigat mill-attur u mill-konvenut stess. L-attur kien kellem lil Dennis Sant u ghamlu appuntament u l-konvenut gie nfurmat b'dan. Filfatt il-konvenut kien prezenti u fethilhom il-bieb.

L-attur gie kkonfrontat bil-verzjoni li kien hemm hsara fuq il-lemin u fuq ix-xellug fil-proprjetajiet adjacenti u qal li kien hemm wiehed li rrangalu x-xriek u dan tal-lemin meta thares mill-faccata. Meta' lmenta tax-xellug l-attur kien ghadu fuq il-post. Filfatt huwa kien cempel lill-Perit u l-Perit kellem lill-attur li kien diehel l-ilma u talbu jmur jara fil-11.30pm u huwa tela' jara Ghawdex. Huwa spjega li dahal l-ilma mill-konkos ghax huma qalghu s-saqaf. Huwa kien ghamel ir-ramel u s-siment fin-naha taghhom. L-attur iddikjara li kien hemm *dampness* mhux hsara. Huwa ma zebghax fuq gewwa ghax ma kellux x'jaqsam maz-zebgha.

Mistoqsi fuq l-applikazzjoni tal-MEPA ghall-progett ta’ Triq Sant Ubaldeska qal li s-sid tal-fond huwa missieru li miet u kien hallieh lil oht l-attur. Meta huma kienu ha japplikaw, missieru kien diga’ miet. Mistoqsi jekk il-konvenut staqsiehx min kien is-sid wiegeb li huwa ghandu l-kustodja u johdilha hsieb ix-xoghol kollu taghha. Huwa gab lill-konvenut biex japplikalu, gaghlu jgib lil ohtu minn barra biex tiffirma u filfatt giet tiffirma l-karta. Pero’ l-applikazzjoni ma tefaghiex ghalkemm l-attur kien ilu seba’ xhur jghidlu biex idahhalha.

**L-attur Saviour Soler** kompla jixhed in kontro-ezami fit-30 ta’ April 2014 fejn spjega li fir-rigward tad-dayworks illum m’ghandux impjegati mieghu pero’ kellu waqt il-progett mertu tal-kawza. Huwa gieli kellu tnejn u gieli kellu anke tlieta. Minbarra x-xoghol tal-Perit Borg gewwa Ghawdex kellu xi vilel Attard u Madliena. Huwa qatt ma ghamel kuntratti u ma kienx miftiehem zmien lanqas fix-xogholijiet l-ohrajn.

Dwar il-pagamenti akkont li rcieva kkonferma dak li qal fl-affidavit tieghu. Saritlu referenza a fol 8 tal-affidavit tal-Perit Borg u qal li jaqbel maghhom. Huwa stqarr li kontijiet qatt hareg avolja kien qed jithallas akkont tal-prezz.

L-attur spjega li l-qisien tat-turgien gew differenti pero’ spjega li huwa mexa’ fuq dak li hazzez hu mal-hitan pero’ meta ghamel tali hzuz kien hemm prezenti l-Perit u hatnu. Huwa kien mexa mal-qisien li tah il-Perit Borg u l-armar tat-tarag ghamlu hu.

Mistoqsi x’kien gara meta nfaqa’ hajt bil-bajla spjega li propjament ma nfaqax. Filfatt li gara kien li ntlaqat. Huwa kkonferma li ntlaqat xi briks pero’ kien hemm ix-shutter u ma ndunax mill-ewwel. Qal li meta qalghu x-shutter kull ma’ kien hemm kien circa kwart ta’ pulzier u dan zgur jista jitranga bil-kisi. Huwa stqarr illi ma ghamel xejn biex irrimedja. L-incident tal-bajla jikkoncerna l-kamra li tidher fuq ir-ritratt 28 li jinsab a fol 43 tal-affidavit tal-konvenut. Huwa ma ghamilx rimedju ghax kien ser jitghatta bil-kisi.

L-attur ma jaqbilx li kien hemm hitan mghawwgin. Gie muri ritratt 16 a fol 40 tal-affidavit tal-konvenut u spjega li dawk il-hitan huma dritti xemgha. Huwa kkonferma li dan huwa xoghlu u dawn fir-rigward tal-livelli.

Huwa gie muri r-ritratt 47 a fol 48 u r-ritratti 33 sa 35 a fol 45 tal-affidavit tal-Perit Borg u kkonferma li dak huwa x-xoghol tieghu. Pero' r-ritratt 35 mhux xoghol tieghu. Huwa qal li ghamel hajt tad-disa' pulzieri mhux hajt tal-pied u izjed.

Mistoqsi l-hajt tal-kamra fil-bitha jekk fihx qatran qal li ma kien hemm imkien qatran fil-kamra murija a fol 54 tal-affidavit. Huwa spjega li filfatt kien qala' l-hajt l-antik li kien se jaqgha u tella' wiehed gdid u f'dan ma ghamillux qatran ghax ma kienx hemm ghalfejn.  Huwa ma qabilx illi meta dahal l-ilma ghand il-girien kien hemm il-hmieg fuq il-bejt tal-konvenut. Huwa sostna li l-bejt hallieh nadif u minghajr armar. Pero' huwa ma kienx lest mix-xoghol u katusi tal-ilma ma kienx hemm.

L-attur iddikjara li huwa qatt ma biddel in-numru tal-mobile tieghu. Huwa stqarr li kellu numru iehor privat li ma kienx jaghtih lill-klijenti. Huwa jaf li lil Antoinette kien cemplilha fuq il-mobile personali taghha u qal xi diskors zejjed. Antoinette qalet lill-attur li kien cempel il-konvenut biex ikomplilu bix-xoghol. Filfatt huwa mar ikompli u l-konvenut qallu li ma marx. Huwa ddikjara li ma setghax jibqa' sejjer hekk u ghalhekk iddecieda li jieqaf mix-xoghol sakemm jithallas. Huwa kkonferma li ma kienx avza lill-konvenut li kien ser jieqaf b'mod definittiv.

L-attur kompla jixhed in ri-ezami fejn iddikjara li ma jiftakarx x'kontijiet kienet baghtet Antoinette lill-konvenut. Filfatt hija Antoinette li tiehu hsieb il-kontijiet. Huwa sostna li kien ghamilielu cara lill-konvenut li kien ser jmur jahdimlu meta

ma jkunx impenjat Malta. Huwa stqarr illi halla l-ghodda fuq il-post ghax ried li meta jinduna li hemm bzonn ihallas, huwa jmur ikompli bix-xoghol.

**Connie Azzopardi** xehdet fit-8 ta' April 2014 in rapprezentanza tad-Direttur Generali tal-VAT fejn iddikjarat li hija kienet giet mitluba sabiex taghti d-dettalji ta' dak li jehtieg sabiex fattura tigi kkunsidrata bhala fiskali. Hija esebiet bhala Dok. CA 080401 sezzjoni relevanti tal-Ligi u cioe' t-tlettax-il (13) skeda tal-Kap 406. Hija stqarret illi jekk tigi murija invoice mhix kompetenti tghid jekk hix valida jew le.

Ix-xhud giet murija invoice mmarkata 55 fuq l-affidavit tal-Perit Borg u dik a fol 62. Hija spjegat li dik ta' fol 62 ma fijhiex VAT number fuqha. L-ohra ma ghandhiex dettalji tal-persuna li qed tiehu s-servizz.

**Perit Valerio Schembri** xehed in eskussjoni fid-19 ta' Novembru 2014 fejn gie mistoqsi dwar ir-rati tal-hadid u wiegeb illi l-Perit Borg kien qed jghid illi r-rata ghandha tkun ta' €1.05 filwaqt li Dennis Sant ghall-attur kien qed jghid li kellha tkun €1.40. Huwa spjega li ddecieda li jaghzel dik tal-attur u cioe' ta' Dennis li hija €1.40 per kilo u dan ghax fic-cirkostanzi hass li din hija aktar gustifikata. Fir-rigward tal-piz cioe' l-kwantita' li kien hemm bzonn idejalment sabiex huwa kien jiddeciedi xi haga bhal din irid ikollu d-drawings tar-reinforcement li f'dan il-kaz l-ebda parti ma resqitlu dawn id-drawings u ghalhekk huwa gie rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn l-attur tramite elenku li sar minn Dennis Sant qed jikklejmja tant u minn naha l-ohra l-perit Borg kien ghamel l-analizi tieghu li ma qabilx mieghu u naqqas partijiet minnu. Huwa kellu jara l-pjanti fizici tal-post kif indika fir-rapport tieghu u kellu jaghmel *best of judgement*. Huwa kellu partijiet fejn kien accetta l-verzjoni ta' Dennis Sant u partijiet fejn huwa accetta l-verzjoni tal-Perit Borg. Pero' kien hemm certu partijiet fejn partikolarment l-attur ikklejmja per ezempju ammont ta' kilos extra li huwa fic-cirkostanzi rahom xi ftit ezagerati u ghalhekk f'dak il-kaz il-bilanc qaleb favur il-konvenut pero' kien hemm certi kazijiet fejn huwa accetta dak li kien qal l-attur.

Il-Perit spjega li huwa fl-ebda stadju ma talab ghal *structural drawings*, dak mhux kompitu tieghu. Xoghlu huwa li jiddeciedi fuq dak li jigi pprezentat quddiemu. Mistoqsi jekk hux minnu li huwa nnota r-rati tal-attur pero' huwa mexa' fuq ir-rati li gew moghtija lilu mill-konvenut salv fis-sular ta' fuq, huwa wiegeb li ma jaqbilx. Dan ghaliex per ezempju jekk tara d-dokument VS0101 li huwa l-elenku li ghamel hu sabiex wasal ghall-kalkoli tieghu, jekk tara per ezempju l-ground floor level, jekk tara item 107 accetta dak ezatt li qed jghid l-attur. Pero' hemm numru ta' kazijiet ohrajn. Gieli accetta dak li gew moghtija mill-attur u gieli accetta dawk tal-konvenut ghar-rigward tal-piz u gieli kien hemm fejn qablu z-zewg partijiet.

**Il-Perit Tekniku Valerio Schembri** rega' xehed in eskussjoni fit-18 ta' Frar, 2015 fejn ikkonferma li huwa kien ircieva mistoqsijiet bil-miktub. Huwa ghandu tnejn fil-konfront tal-konvenut u sebgha fil-konfront tal-attur. B'referenza ghall-ewwel domanda li saritlu mill-konvenut li tinsab inserita fl-atti a fol 353 tenna li huwa ma jaqbilx apparti minn din l-istatement formanti parti mid-domanda u dan ghaliex l-konvenut qed jghid li din hija estensjoni ta' binja gdida. Fil-purament fatt ix-xoghol ta' restawr bhal per ezempju bdil ta' gebel fejn jidhol konkrit u hekk veru m'huwiex xoghol ta' restawr. Zgur ma jistghux jghidu li hija estensjoni ta' binja gdida. Dan filfatt huwa plot pjuttost dejjaq gol-*village core* tal-Fontana gewwa Ghawdex u filfatt hija estensjoni ta' binja antika u l-kundizzjonijiet huma differenti minn estensjoni ta' binja gdida fejn is-side tkun accessibbli. Anke f'dan il-kaz it-triq mis-side mhix wahda daqshekk wiesgha li tippermetti manuvrar facli. Minn ezami ta' rapport li huwa ghamel ma tezistix li huwa effettivament ta aktar flus minn dak mitlub mill-konvenut. Kull ma jista' jghid huwa li fil-konfront ta' Dennis Sant, *quantity surveyor* imqabbad mill-attur uzahom bhala massimu u fejn dehrlu li kellu jnaqqas, huwa naqqas. Huwa qal ukoll li l-attur nnifsu pprezenta rati ohrajn li kienu oghla u dehrlu li stante li l-professjonist imqabbad mieghu kien Dennis Sant huwa ha bhala massimu dak li gie stabbilit mill-istess Dennis Sant.

Fir-rigward tat-tieni domanda l-Perit spjega li l-konteggi li qieghed jikkwota Dr Zammit Maempel f'din il-mistoqsija huma korretti u jirrizultaw anke mill-konkluzjonijiet li hareg hu. Pero' b'referenza ghal dak li qed jistaqsi Dr Zammit Maempel jekk in sintesi huwa hux qed jirrakkomanda figura ta' 3,061.42 bhala dovuta lill-attur qal illi una volta tahdem il-konteggi tasal ghal din l-istess somma ta' 3,061.42 li hija dovuta lill-attur. Pero' peress illi jidhlu kwistjonijiet li m'ghandux jidhol fihom hu, ghalhekk ma setghax jghid li dan l-ammont huwa effettivament dovut. Huwa jasal biss ghall-konteggi u jekk humiex dovuti jew le hija kwistjoni ta' Qorti.

Fir-rigward tal-mistoqsijiet tal-attur li jinsabu inseriti fl-atti a fol 356 huwa wiegeb is-segwenti: dwar ir-rati ta' disa' pulzieri singlu, ta' sitta pulzieri singlu huwa kellu jahdimhom bir-rata ta' 65.25 minkejja li r-rata ta' Dennis Sant kienet ta' sitta u sittin ewro u disgha u tletin centezmu (€66.39) u tal-Perit Borg kienet erbgha u sittin ewro u sitt centezmi (€64.06). Mistoqsi ghaliex wasal ghal din ir-rata dehrlu li dik kwotata minn Dennis Sant kienet daqsxejn *above average* u filfatt dak li naqqas huwa kwazi ewro (€1). Huwa stqarr illi d-differenza li ghamlet fil-kont overall kienet ta' mitt ewro (€100). Filfatt dehrlu li r-rata kwotata minni hija iktar idoneja fic-cirkostanzi. Naturalment il-kalkoli wasal ghalihom mieghu kienu fil-premessi illi s-sit fejn kien ma kienx hemm manuvrar facli u s-sit in kwistjoni kien Ghawdex. Naturalment din il-premessa saret u ttiehdet in konsiderazzjoni ghal kull kwantifikazzjoni li ghamel.

Number two, huwa ma jafx minn fejn wasal ghal dawn il-figuri pero' r-rata tal-istirips hija bil-1.40 l-kilo ta' stirips u ghalhekk zgur li mhux kwistjoni ta' stirips. Huwa spjega li d-domanda li ghamel *number two* ma tirreferix ghal stirips izda tirreferi ghal 1.05 item a fol 65 tal-process u cioe' RCC *twenty beams including six number bars*. Fil-fehma tieghu r-rata kellha tkun dik ta' 16.31 u cioe' dik kwotata mill-perit u mhux dik li giet identifikata minn Dennis Sant. Din hija l-istess fehma tieghu fil-konfront tat-tielet domanda u cioe' li dak iz-zmien ir-rata

sabiex isir *chasing* tal-ingall kien rata ta' circa lira jew 75 cents Maltin li jigu fil-fehma tieghu zewg ewro u tlieta u tletin centezmu (€2.33). Ir-rimarki li huwa ghamel a fol 25 kienu ghal premessa u ghalhekk huwa ghamel il-kalkoli tieghu abbazi ta' dik l-istess premessa pero' naturalment bhala massimu. Huwa dehrlu li kienu aktar mill-*average* oghla, naqqas u ta l-fehma tieghu ta' dak li kien idoneju fic-cirkostanzi. Huwa spjega li l-fond ta' Joe u Rosalie Grech huwa fond adjacenti ghal fejn saru x-xoghlijiet mertu tal-kawza odjerna u effettivament kien hemm xi perkolazzjoni tal-ilma f'dan l-istess fond proprjeta' ta' Grech. Meta x-xhud acceda fil-fond in kwistjoni qal li l-hsarat kienu gia gew imsewwija pero' ha konjizzjoni tar-rapport ex-parte tal-perit Stellini u naturalment tad-dokumenti hemm annessi u ta' dak li spjegawlu l-partijiet fuq il-post. Mistoqsi ghaliex imbaghad ikkonkluda li kien l-attur li kien responsabbli ghal din il-hsara u mhux il-konvenut wiegeb illi allavolja l-klijent f'dan il-kaz kien perit huwa deherlu li l-bennej li kien qed jiehu responsabbilta' u jiehu hsieb kollox hu inkluz il-logistika. Dehrlu li s-*site manager* effettivament kien il-bennej stess li huwa l-attur u ghalhekk ix-xhud hass li kellu jkun is-*site manager* li kellu jiehu l-prekawzjoni li ma ssirx hsara lil terzi. Il-perit kien qieghed hemm biss sabiex jaghti direzzjoni dwar l-istruttura u kien ghalhekk li x-xhud ma tax is-somma finali izda wasal ghall-ispiza ta' seba' mija u tnejn u sittin ewro (€762) ghaliex abracca r-rapport ex-parte tal-perit Stellini u dan ukoll wara li x-xhud kien sema l-partijiet u kien ra d-dokumentazzjoni ezebita.

Huwa spjega li l-*items* imsemmija fil-punt domanda numru sitta huma kollha kwistjonijiet ta' hadid u cioe' kemm kien hemm hadid zejjed aktar milli kien hemm bzonn. B'dan huwa ried ifisser li dana kienu addizzjonali cioe' aktar milli dak li kienu ftehmu originarjament u ghal darb'ohra qal li peress li huwa ma kellux *structural drawing* la minn parti u lanqas minn ohra huwa kellu jaghmel *best of judgement*. Kien ghalhekk li huwa wasal ghal dawn il-kwantitajiet fuq il-*best of judgement* tieghu. Ix-xhud gie muri Dokument AE esebit fl-atti seduta stante u qal illi in principju jaqbel ma' din il-komputazzjoni pero' mhux kollox. Per ezempju hemm identifikat numru 2.08 li l-Perit Borg qed jikkalkula 91.02 u

huwa llikwidaha fis-somma ta’ 171.88. Ix-xhud ma hadimx biss fuq dak li kien qallu l-Perit Borg dwar il-*working*. Huwa kien analizza dawk li qalu z-zewg partijiet, ra d-dokumentazzjoni u l-pjanti ezebiti fl-atti u ghamel il-kalkoli tieghu u dawk huma l-kalkoli li huwa ghamel essendo li huma gusti.

Rigward is-seba’ domanda xtaq jaqbadhom rata rata u qal ghaliex ta dik id-decizjoni tieghu rigwardanti r-rata 04. Illi 04 tirreferi ghall-ipparigjar tal-filati tal-opramorta msemmija a fol 68 tal-atti. Huwa spjega li kien hemm l-opramorta fuq il-bejt u ma kienx livell kullimkien. Teknikament l-attur fil-provi jghid li huwa xtaq jaghmel suletta fl-ahhar pero’ fil-fehma tieghu l-affarijiet ma kellhomx isiru hekk. Pero’ galadarba l-opramorta saret bilfors kellu jsir hekk u dan ghaliex biex jaghmel ix-*shutter*, jaghmel il-konkos kwantitajiet zghar, ikun hemm certu *double handling* u ghalhekk jahseb illi r-rata ta’ mitejn u hamsin ewro ma kinitx xi wahda ezagerata fic-cirkostanzi. Huwa kkonferma li din l-opramorta kellha wkoll tinkesa pero’ jahseb illi minkejja li kellha ssir kisi s-somma ta’ mitejn u hamsin ewro mhix wahda ezagerata. Huwa rrilevanti kemm tqum biex tibni opramorta mill-gdid f’dan il-kaz. F’dan il-kaz kienet kwistjoni ta’ tiswija li kellha ssir. Huwa ma rrizultalux li effettivament l-opramorta nbidlet u biex ibiddilha jrid ihott dak kollu li kien hemm. Filfatt fil-fehma tieghu jahseb li tigi hafna iktar gholja minn mitejn u hamsin ewro.

Dwar ir-rata wzata ghall-korrezzjoni tat-tarag 06 is-somma hija ta’ seba’ mija u hamsin ewro u tista’ tidher daqsxejn kbira. Pero’ jekk jigu ezaminati r-ritratti fl-atti biex jigi korrett dan it-tarag kellu jizdied il-bricks fuq kull targa u dan sabiex gabu livelli skont is-sengha u l-arti u ghalhekk kellu jtella’ l-bricks bl-idejn minn isfel kollu, kellu jaghmel bricks tnejn jew tlieta fuq kull targa u ghalhekk kellu hafna xoghol biex isir tarag shih ta’ sular. Ix-xhud ha in konsiderazzjoni t-tarag imhazzez mill-konvenut stess. Issa jekk il-perit kienx intitolat jaghmel il-hazz hu jew le cioe’ kellux responsabbilta’ tieghu mhijiex kwistjoni li huwa ddecieda dwarha. Naturalment fil-kwantifikazzjoni ma hax in kunsiderazzjoni min ghamel il-hazz. Huwa kkalkola somma ta’ seba’ mija u hamsin ewro u zied sabiex isir ir-

riparazzjoni f'dan it-tarag. Naturalment huwa fix-xoghol professjonali tieghu sab anki fejn trid tonfoq aktar flus biex issir korrezzjoni ta' tarag.

Mistoqsi dwar bullet numru sebgha u cioe' l-korrezzjoni tal-faccata tat-tieqa fuq il-faccata fl-ammont ta' mija u hamsin ewro, spjega li trid issir korrezzjoni fil-kolonna ta' qabel l-ahhar u cioe' fejn huwa qal li r-rata kellha tkun 2.50, filfatt din ghandha tkun 1.50 kif hemm imsemmi fil-kolonna bhala spiza. Ghalhekk l-ammont totali fl-ahhar xorta jibqa' tajjeb. Biex saret il-korrezzjoni f'din it-tieqa kellha tizzarma tieqa shiha fuq il-faccata li wkoll fl-atti hemm ir-ritratti taghha u ghalhekk is-somma ta' mija u hamsin ewro mhix eccessiva. Dan l-ammont .08 skarigg ta' zmantar ta' *scaffolding* jghid li kellu jitnehha l-iscaffolding minn fuq is-sit. Hawnhekk ukoll hemm zball fir-rata fis-sens illi r-rata kellha tkun 150 mhux 200. Huwa ddikjara li l-iscaffolding in kwistjoni kien wiehed tul hajt shih u ghalhekk fil-fehma tieghu mhux eccessiv mija u hamsin ewro (€150).

Dwar l-ahhar bullet numru tnax u cioe' dwar id-difetti fil-kamra tal-gnien. Hafna mid-difetti lamentati setghu jirrangaw bil-kisja ghalkemm jidhlu hinijiet zejda. Huwa qal ukoll li hawnhekk ma kienx hemm pariggjar. Ghalkemm il-kamra mhix kbira pero' mhux in eccess u l-ammont ta' mija u hamsin ewro biex tiksiha mhuwiex in eccess. Huwa cahad li seta' gie nfluwenzat mir-ricevuta li ezebielu l-konvenut u pprova jippareggja. Filfatt il-kont tal-perit ma kienx wiehed *itemised* waqt li huwa qaghad jaghmel individwali biex wasal ghas-somma ndikata minnu.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-mertu tal-kaz u dan fis-seduta tat-18 ta' Marzu 2015 fejn wara li ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom verbali awtorizzaw lil din l-istess Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza jidher li l-konvenut il-Perit Reuben Paul Borg kien qabbad lill-attur sabiex jaghmillu xi xoghol ta' kostruzzjoni fuq proprjeta' li kellu gewwa

Ghawdex. Il-konvenut qed isostni li l-attur ma kienx professjonali fix-xoghol tieghu u li waqaf milli jkompli bl-inkarigu lilu moghti pero' minkejja dan gharaf li kien ghad baqghalu xi pendenzi mieghu. Waqt li l-attur qed isostni li mhux minnu li huwa hadem mhux skond is-sengha u l-arti izda waqaf milli jkompli jesegwixxi x-xoghol li kien inkarigat li jaghmel peress li l-konvenut ma kienx qed ihallsu, kien hemm hafna skarigg u spicca jhallas ghall-ispejjez involuti f'dan ir-rigward minn butu. Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha llum tara x'inhu l-bilanc dovut lill-attur mill-konvenut ghax-xoghol li esegwixxa. Dwar il-pagamenti li saru mill-konvenut lejn l-attur ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni. Jidher li l-pern tal-kwistjoni hija liema rata ghandha tapplika sabiex jigi valutat ix-xoghol li l-attur ghadu ma thallasx tieghu u dan ghaliex hemm diskrepanza bejn dak li l-konvenut qed jammetti li ghandu jaghti lill-attur u bejn dak li s-*surveyor* tal-attur qed jghid li l-konvenut ghandu jaghti lill-konvenut. Kien appuntu ghalhekk li din il-Qorti kienet innominat lill-Perit Valerio Schembri ghaliex il-mertu tal-kawza hija wahda piu' o meno teknika salv ghal xi punti legali li din il-Qorti sejra tqishom fil-kunsiderazzjonijiet taghha.

Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta' natura teknika ta' perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawza **"<u>Calleja vs Mifsud</u>"** irriteniet li –

*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat*

*mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvezti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika".*

Dan l-insenjament huwa rilevanti u japplika ghall-kaz tal-lum. Ghalkemm ir-relazzjoni tal-perit tekniku kienet pjuttost sfavorevoli ghall-attur, dan ghazel li ma jressaqx talba ghall-hatra ta' periti teknici addizzjonali u llimita ruhu li fl-ewwel lok jeskuti lill-perit tekniku u fit-tieni lok iressaq sottomissjonijiet verbali biss.

Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Settembru 2003 fil-kawza "**<u>Grech et vs Grech et</u>**", din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet –

*"Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli"* (ara wkoll – **"<u>Bugeja et vs Muscat</u>"** – Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967).

*"Ir-rigett minn qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha (u cioe` ta` loti) trid tkun*

*ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami*" ("**Grima vs Mamo et noe**" **–** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.**

"*Ghalhekk 'in fin dei conti` qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kinetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` ghandha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku."* ("**Cauchi vs Mercieca**" **–** Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999**;** "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, sabiex hejja r-rapport tieghu, il-perit tekniku sema d-diversi xhieda, sema' d-diversi esperti ex parti fil-qasam u cioe' *surveyor* u perit, ra d-dokumenti ezebiti u filwaqt li uza l-*best of judgement* tieghu jidher li ghamel ir-ricerka tieghu. Il-perit tekniku fisser fid-dettall ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu anke waqt li kien fil-pedana tax-xhieda in eskussjoni iwiegeb ghal varji domandi li sarulu bil-miktub in eskussjoni. Din il-Qorti zgur li mhix f'posizzjoni li tmeri Perit Arkitett fuq kwistjoni ta' teknika *sic et simplicite* u dan ghaliex zgur li mhux il-kompitu taghha u li kieku kellha taghmel hekk m'hemmx dubju li l-agir taghha kien ikun wiehed presuntuz.

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fil-kawza **"Camilleri noe vs Debattista":**

"*ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll*

*ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu."*

B'kollox l-attur fit-talba promotura tieghu qed jitlob li jithallas is-somma ta' sebat elef, mitejn, hamsa u tletin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€7,235.62) (jew kwalunkwe ammont verjuri iehor li din il-Qorti tista' talvolta tillikwida) minghand il-konvenut rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta ghal xoghol ta' kostruzzjoni li twettaq mill-attur fuq inkarigu tal-konvenut fil-fond numru 13, Triq il-Kappillan Guzeppi Hili, Fontana, Ghawdex. Filwaqt li l-konvenut isostni li huwa ghandu jaghti lill-attur is-somma ta' tlett elef, mitejn u tmienja u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu (€3,228.34). Dan nonostante pero' kif jissoleva l-istess perit tekniku fl-affidavit tieghu fit-tielet paragrafu tal-hames pagna jghid li ghad baqghalu bilanc favur tieghu fl-ammont ta' tmint elef, hames mija u disgha u tletin ewro u sittin centezmu (€8,539.60). Illi pero' l-attur ma jaghtix spjega plawsibbli ghal din id-differenza. Pero' jinghad li fic-cert li dwar l-ammonti li l-attur ircieva minghand il-konvenut ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u cioe' li rcieva s-somma ta' tlettax-il elf, tmien mija u tnejn u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€13,862.55) liema figura hija l-istess wahda li tirrizulta mill-elenku a fol 8 tal-affidavit tal-konvenut ezebit u mmarkat bhala Dok. RPB 260201. Jekk isir ezami tal-kont li hareg is-surveyor tal-attur u cioe' Dennis Sant jidher li l-kont kellu jkun fl-ammont ta' sbatax-il elf, mija u tmienja u sittin ewro u disa' centezmi (€17,168.09) in kwantu ghal xoghol li gie mkejjel u in kwantu ghal erbat elef mija u hamsa u disghin ewro u tmenin centezmu (€4,195.80) bhala *extra works*. Fid-dawl tal-fatt li bejn il-kontendenti hemm qbil li l-konvenut hallas is-somma ta' tlettax-il elf tmien mija u tnejn u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€13,862.55) wiehed jasal ghall-konkluzjoni li skond ix-xhud ewlieni tal-istess attur u cioe' x-xhud Dennis Sant il-bilanc huwa ta' sebat elef, hames mija u wiehed ewro u erbgha u tletin centezmu (€7,501.34) li hija somma vicina hafna tat-talba promotrici. Minkejja

dan il-konvenut isostni li din is-somma ghandha tigi ridotta bl-ammont ta’ tlett elef, mitejn u tmienja u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu (€3,228.34).

Issa skond il-perit tekniku nominat mill-Qorti dan jghid li fuq l-*extra works* il-partijiet qed jaqblu u dan fil-valur ta’ erbat elef, mija u hamsa u disghin ewro (€4,195.80) (ghalkemm fl-affidavit tieghu l-attur isemmi xi *extra works* ohra). Jghid ukoll li mill-kont mahrug minn Dennis Sant jirrizulta li x-xoghol imkejjel kellu valur ta’ sbatax-il elf, mija u tmienja u sittin ewro u disgha centezmi (€17,168.09). Il-konvenut pero’ jasal ghal figura ta’ erbatax-il elf mija u tnejn u sebghin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€14,172.75) kif jirrizulta minn fol 22 sa fol 32 tal-affidavit tieghu. Ghalhekk id-differenza bejn il-partijiet hija fl-ammont ta’ elfejn disa’ mija u hamsa u disghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€2,995.34) inkluz il-VAT. Din id-divergenza tirrapprezenta d-divergenza fil-kejl u r-rati wzati minn Dennis Sant ghan-nom tal-attur u mill-konvenut innifsu.

Il-konvenut jghid li r-rati li kellhom jintuzaw huma dawk elenkati a fol.7 u 8 ta l-affidavit tieghu. Filwaqt li l-attur jghid li r-rati kellhom jigu bazati fuq id-Dok. A li huwa email anness mal-affidavit tal-konvenut datat 19 ta’ Dicembru 2008. Issa jirrizulta minn ezami tal-provi li x-xoghol fis-sit in kwistjoni beda f’Ottubru 2008 u ghalhekk hafna qabel ma gew miftehma r-rati kif isostni l-attur u ghalhekk zgur li meta x-xoghol beda l-partijiet ma kinux ftehmu fuq xi rati. Issa dwar din l-email ma jirrizulta minn imkien li l-partijiet ftehmu li dan id-dokument kellu jorbot lill-partijiet dwar ir-rati - jirrizulta biss li dik kienet ix-xewqa tal-attur. Ghalhekk stante li ma kien hemm l-ebda ftehim a priori, il-Qorti ma tistax tasal biex taccetta li l-partijiet kienu marbutin b’xi rati.

Fil-fehma tal-perit tekniku r-rati prezentati mill-attur fid-Dok. A jirrispekkjaw aktar ix-xoghol li kellu jsir fis-sit mertu tal-kawza u huma aktar rejali mill-prezzijiet ipprezentati mill-konvenut li fil-fehma tieghu ghandhom japplikaw ghal xoghol li jsir fuq bini gdid u mhux fuq alterazzjoni *f’house of character* li tehtieg aktar xoghol delikat. Illi l-perit tekniku jghid dwar dan il-punt u dan anke

wara li kien gie eskuss fuq il-pedana tax-xhieda fir-rigward tar-rapport li hejja, li bejn il-partijiet hemm id-diskrepanzi minimi fil-maggor parti tal-kazi u f'xi istanti izolati hemm diskrepanzi li ghalkemm mhux enormi jaghmlu effett fil-kont finali. Illi ghalhekk huwa mexa fuq il-principju tal-*best of judgment* tieghu abbazi tal-esperjenza li ghandu f'dan ix-xoghol u wara li ha konjizzjoni tal-pjanti ezebiti u l-provi mressqa. Fil-fatt jghid li kien hemm sahansitra anke kaz fejn huwa tal-fehma li l-attur ma tax prova teknika sufficjenti ta' dak li allega u ghalhekk mexa fir-rigward ta' kejl fuq dak li ressaq il-konvenut. Illi ghalhekk il-perit ghamel il-konteggi tieghu u wasal ghall-konkluzjoni li l-valur tax-xoghol li ghamel l-attur fil-fond proprjeta' tal-konvenut jammonta ghal hmistax-il elf erba' mija u sebghin ewro u sbatax-il centezmu (€15,470.17) inkluz il-VAT. Dan qed jinghad bla pregudizzju ghas-somma ta' erbat elef, mija u hamsa u disghin ewro u tmenin centezmu (€4,195.80) rapprezentanti t-talba tal-attur li mhix kontestata mill-konvenut ghal hlas ta' *extra works*. Ghalhekk in toto l-konvenut kellu jhallas lill-attur is-somma ta' **dsatax-il elf, sitt mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u disghin centezmu (€19,665.97). Illi pero' minn din is-somma ta' dsatax-il elf, sitt mija u hamsa u sittin ewro u sebgha u disghin centezmu (€19,665.97)** ghandha titnaqqas is-somma ta' tlettax-il elf, tmien mija u tnejn u sittin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€13,862.55) li diga' thallset mill-konvenut lill-attur u ghalhekk il-bilanc illum huwa ta' **hamest elef, tmien mija u tliet ewro u tnejn u erbghin centezmu (€5,803.42).**

Illi l-konvenut qed jallega li huwa fil-fatt sofra xi danni kif elenkati fl-ittra li huwa baghat lill-avukat difensur tal-attur nhar id-19 ta' Ottubru 2011 Dok O esebita fl-atti a fol 268 u cioe' l-ammont ta' seba' mija u tnejn u sittin ewro (€762) li huwa hallas lil terz minhabba x-xoghol hazin li ghamel l-attur tant li l-gar spicca dahallu l-ilma u li ghalhekk kellu jikkumpensah u l-ammont ta' elf, disa' mija u ghoxrin ewro (€1,980) rapprezentanti s-somma li huwa nefaq bhal xoghol reparatorju li kellu jaghmel minhabba x-xoghol hazin li ghamel l-attur. Ghalhekk il-konvenut qed jippretendi li ghandu jiehu minghand l-attur is-somma ta' elfejn, seba' mija u tnejn u erbghin ewro (€2,742) f'liema kaz allura hu jkollu

jhallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef u wiehed u sittin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€3,061.42) [€**5,803.42 - €2,742**]. Illi f’dan ir-rigward il-perit tekniku jghid li bhala hsarat dawn iz-zewg ammonti u cioe’ s-somma ta’ seba’ mija u tnejn u erbghin ewro (€742) li l-konvenut hallas lill-gar tieghu u s-somma ta’ elf disgha mija u tmenin ewro (€1,980) li hallas ghax-xoghol riparatorju fil-proprjeta’ tieghu huma gustifikati bhal valuri ghar-ragunijiet imsemmija minnu fl-istess relazzjoni tieghu. Oltre dan fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut jghid li ghandu jiehu wkoll is-somma ta’ elf, seba’ mija u sitta u erbghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€1,764.73) (inkluz VAT) rapprezentanti drittijiet professjonali fuq binjiet mhux mertu tal-kawza li jekk tali talba tintlaqa’ dis-somma jkollha wkoll titnaqqas mis-somma fuq indikata ta’ tlett elef u wiehed u sittin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€3,061.42).

Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra u cioe’ fejn il-konvenut qed jghid li huwa ghandu jiehu minghand l-attur jinghad li ma pprezenta l-ebda kontro-talba u ghalhekk ikun idoneju f’dan il-kuntest li jigi mfisser l-istitut tal-kontro-talba.

Kontro-talba tista’ ssir ai termini tal-**Artikolu 396 tal-Kapitolu 12** tal-Ligijiet ta’ Malta f’dawn ic-cirkostanzi:

a. Meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun gejja mill-istess fatt jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun gejja t-talba tal-atturi;
b. jew meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut hu li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew b’kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew jimpedixxi l-effetti taghha.

Kif jghid il-Mortara (Manuali di Procedura Civili 5a ed. tal-1 para. 194) hemm rikonvenzjoni *“in quelle istanze che il convenuto propone contro l’attore in occasione del giudizio da costui promosso, per ottenere la condanna del medesimo ad una prestazione che il convenuto intende d’esigere a titolo di contro pretesa*”.

Kif qalet ukoll il-Qorti fis-sentenzi fl-ismijiet "**Paul u Agnes konjugi Bezzina vs Eagle Beams Limited et**" (Citaz. Numru 881/97/RCP) deciza fl-4 ta' Dicembru 1998, u "**Dr. Vincent Falzon nomine vs Raymond u Salvina Mifsud**" (Citaz. Nru. 2302/97/RCP) deciza fl-1 ta' Gunju 1999 kontro-talba hija permessa meta hemm:

(i) *La communanza di origine delle causi e vi è communanza di origine quando le due domande emanano dallo stesso fatto o dallo stesso contratto o titolo, ovvero*

(ii) *La eliminazione reciproca delle due domande che esiste non solo in caso di pretesa compensazione, ma anche quando le domande dell'attore verebbe a esser in qualche altro modo perente, ovvero benche il vincolo permanga, pure non posse produrre ulteriori effetti.* ("**Neg. Luigi Spiteri Debono vs Neg. Charles Darmanin nomine**" – Dec. 24-4-1930 K.A.M.).

L-Artikolu 396 ghalhekk jipprovdi li l-konvenut jista' jaghmel kontro-talba basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-atturi meta l-kontro-talba (1) tkun gejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew mill-istess titolu li minnu tkun gejja t-talba tal-atturi jew (2) meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut hu li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur jew b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew jimpedixxi l-effetti taghha. Kif qalu tajjeb il-Qrati, "*la riconvenzione dicesi eccezione non in senso stretto, ma in senso largo, inquantoche il convenuto puo opporre in giudizio all' azione contro di lui proposta, non sola la eccezione ma pure la riconvenzione; cioe domanda quel che gli si deve nello stesso tempo in cui si agisce contro di lui e nello stesso giudizio. Vi è convenzione semprecche per eccezione ad una domanda principale, si opponga un altra domanda egualmente principale"* (Vol. XI, pg. 78).

Pero' kif qalet il-Qorti fil-kawza '**Air Malta plc vs Lawrence Borg nomine**' (PA 30.06.2004) li rreferiet ghal sentenzi antecedenti "*l-ghan ta' parti mharrka li ggib fix-xejn azzjoni mressqa kontriha ma jirrendix gustifikat invarjabbilment it-tressiq ta' att gudizjarju fl-ghamla ta' rikonvenzjoni. L-istess ghan jintlahaq*

*b'nota tal-eccezzjonijiet. Ma kien qatt il-hsieb tal-legislatur li jirrendi l-azzjoni rikonvenzjonali bhala strument ordinarju li bih kull kawza tfaqqas fi tnejn. Kemm hu hekk, ir-rikonvenzjoni hi rimedju straordinarju procedurali li ghandu hsieb u ghan specifiku, u kemm hu hekk hi wahda minn dawk il-proceduri li l-kodici jsejjah 'specjali'.*"

Illi jinghad li f'dan il-kaz il-konvenut kien qed jippretendi li huwa ghandu jiehu minghand l-attur somma flus rapprezentanti flus li huwa hallas lil terz minhabba xoghol hazin li allegatament ghamel l-attur u somma flus rapprezentanti danni li huwa sofra fil-proprjeta' tieghu kif deskritt mill-perit Spiteri u konfermat mill-Perit Tekniku Valerio Schembri minhabba xoghol traskurat li ghamel l-attur. Dawn it-talbiet huma konnessi mat-talba tal-attur u dan ghaliex jirreferu ghall-istess sit fejn sehh ix-xoghol li tieghu l-attur qed jitlob il-hlas. Jinghad ghalhekk li t-talbiet tal-attur jaqghu proprju fil-parametri tal-kontro-talba li huwa kellu jintavola u dan ghaliex proprju l-konvenut ried ipaci l-kreditu mitlub mill-attur jew b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew jimpedixxi l-effetti taghha.

Illi applikati dawn il-principji fuq elenkati ghall-kaz in ezami ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut messu intavola l-kontro-talba bil-ghan li jpaci l-ammont reklamat mill-attur ma' dak pretiz minnu stante li t-talbiet tieghu jaqghu fil-parametri tal-**Artikolu 396 tal-Kap.12** u hawn issir riferenza ghas-sentenza gja citata **"AirMalta plc vs Lawrence Borg noe"** (ibid) fejn inghad li hemm bazi ta' kontro-talba anke *"l-imharrek ikollu l-hsieb li bil-kontro-talba tieghu ipaci jew igib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew izomm l-effetti taghha".*

Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet finali raggunti mill-perit tekniku fir-rigward ta' dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu kwistjonijiet legali pero' fir-rigward ta' dak li kkonkluda mit-teknika tieghu, is-sottomissjonijiet u konkluzjonijiet minnu raggunti ser jigi abbraccjati in toto.

**Ghaldaqstant filwaqt li din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut (minhabba dak li ntqal aktar 'il fuq) salv u b'eccezzjoni ghall-ewwel eccezzjoni sub-inciz (a) stante li din tolqot purament it-teknika ta' l-espert nominat minnha, konsegwentement tilqa' t-talba tal-attur f'somma ridotta ta' hamest elef, tmien mija u tlett ewro u tnejn u erbghin centezmu (€5,803.42) u b'hekk tordna lill-konvenut ihallas lill-attur din l-istess somma.**

**Bl-ispejjez ghandhom jigi sopportati in kwantu ghal terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenut.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------